Ħarġa nru. 78 - Settembru 2013

# SPORTIV

B'XEJN ma' l-orizzont

Magażin Sportiv ta' kull xahar



Malta b'telfiet identiċi ta' 2-1

PAĠNA 14 u 16



Hibernians leaders assoluti

PAĠNA 22



Neptunes champions għat-22 darba

PAĠNA 22



# Bormla u Marsa jirbħu bejniethom ir-Regatta tal-Vitorja

AKTAR F'PAĠNA 34

• FOOTBALL • WATERPOLO • MALTA FOOTBALL ASSOCIATION
• KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT • STORJA TAL-FOOTBALL MALTI
• SNOOKER • TIĠRIJIET TAŻ-ŻWIEMEL • GOZO SPORT

TeamSport®

IPPARTEĊIPA U IRBAĦ MA' TEAMSPORT

# OUR WORLD CLASS BEER WINS AGAIN

LONDON 2013
THE INTERNATIONAL
BEER
CHALLENGE
SILVER

INTERNATIONAL
BEER CHALLENGE 2013
SILVER AWARD




**'Rewarding quality, celebrating excellence.'**

Cisk Lager wins again, with a Silver Medal from the 17th edition of the world's most prestigious beer competition, the International Beer Challenge, which is held in London.

An achievement which is remarkable considering that the 2013 edition of the Challenge drew a record number of entries from 33 countries, with leading beer producers from across the globe being assessed by no less than 40 judges, including renowned beer writers, specialists, and brewers. The level of knowledge and experience of the judges is striking and for a beer to achieve any kind of medal from such demanding critics is a real achievement.

Cisk Lager – Our World Class Beer.

**www.internationalbeerchallenge.com**

CISK LAGER
U.K. BREWEX AWARD
1980

CISK LAGER
OVERALL WINNER & GOLD AWARD
AUSTRALIAN INTERNATIONAL
BEER AWARDS
1995

CISK LAGER
BREWING INDUSTRY
INTERNATIONAL AWARDS
2005

WBA WORLD BEER AWARDS
CISK LAGER
WORLD'S BEST
STANDARD LAGER
2007

Find us on facebook.

ENJOY RESPONSIBLY
drinkawaremalta.com
for the facts



# Settembru 2013

Ix-xahar ta' Settembru kien wieħed mimli b'għadd ta' attivitajiet sportivi fejn l-attenzjoni prinċipali kienet mixħuta fuq il-logħbiet tat-timijiet nazzjonali kif ukoll fuq ir-Regatta tal-Vitorja.

Għall-ewwel darba fl-istorja, l-Aggregate Shield intrebħet minn żewġ distrett - Bormla u Marsa - biex dak tal-Isla ma rnexxilux jilħaq ir-rekord ta' Bormla ta' sitt rebħiet konsekuttivi.

Filwaqt li t-team nazzjonali ta' Taħt il-21 sena sofra telfiet kbar kontra t-Turkija (4-0) u l-Greċja (5-0), it-team tal-Kbar kiseb riżultat rispettabbli meta tilef bl-iskor identiku ta' 2-1 kontra d-Danimarka u l-Bulgarija rispettivament.

L-iskorers tal-Maltin kienu Clayton Failla u Edward Herrera bil goal ta' Failla jkun Euro-Goal!

Fil-Kampjonat Premier, Hibernians jinsabu jillidjaw il-klassifika b'punti massimi minn ħames partiti.

Filwaqt li x-xahar ta' Settembru ġab fi tmiemu l-istaġun tal-waterpolo, proprju llum jingħata bidu għal dak tal-basketball bil-Pre-Season Tournament.

**Jesmond Moore - Editur**






# Irbaħ ma'

TeamSporT®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ wieħed mit-tliet rigali ġentilment offruti lilna minn Teamsport...

Min kienu l-iskorers għal Malta kontra d-Danimarka u l-Bulgarija li ntlagħbu matul dan ix-xahar?

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Ottubru, 2013:

**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**

Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 77 hija:*

**Azerbaijan v Malta 3-0**

*u r-rebbieħa huma (1) Osbert Xuereb - Marsaskala (2) Charles Cirillo - Ħamrun (3) Paul Incorvaia - Msida*

It-tliet rebbieħa, inklużi dawk ta' Lulju u Awwissu, se jirbħu flokk tat-team nazzjonali Malti ġentilment mogħtijin minn Teamsport







Don't forget to pick up your key-chain when purshasing or renewing your Motor Insurance policy!*

Also, Purchase or Renew your Health, Home, Travel, Pet or Boat Insurance Policy...



...and get a free 5" Ferlu Soft-Toy!**

**Contact Us:**

2122 4405 / 2124 0828

laferla.com.mt

info@laferla.com.mt

Find us on Facebook

Agents for:
MIDDLESEA
A MEMBER OF THE MAPFRE GROUP

*Terms and Conditions apply.
**€230 Minimum Spend. Terms and Conditions apply.

Laferla Insurance Agency Limited is licensed to act as an insurance agent for Middlesea Insurance p.l.c. and both companies are authorised to transact insurance business by the Malta Financial Services Authority. COM 280813 777

LAFERLA
INSURANCE AGENCY LIMITED








Ħarġa nru 78
**SPORTIV**
Magażin Sportiv ta' kull xahar

**Ippubblikat minn**
Union Print
Union Print Co. Ltd
Marsa Tel: 25900216

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Reklamar**
Alfred Caruana (Manager)
acaruana@unionprint.com.mt
Claudia Mifsud
sportivmalta@yahoo.com
Jason Penza
jpenza@unionprint.com.mt

**Ritratti**
Ray Attard
Roger Azzopardi

*Cover - Is-Segretarju Parlamentari, Stefan Buontempo, jippreżenta l-Aggregate Shield lir-rappreżentanti ta' Bormla u l-Marsa*

UNION PRINT CO LTD

SPORTIV stampat fil-Union Print Co. Ltd.
Marsa - Malta

Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-gurnal l orizzont fl aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.

# Werrej

4 **MFA**
Is-Segretarju Parlamentari għall-Isport iżur lit-tim nazzjonali

14 **Tazza tad-Dinja**
Nitilfu b'auto-goal sfortunat kontra d-Danimarka

16 **Tazza tad-Dinja**
Il-lasta ċċaħħadna minn riżultat pożittiv

18 **Under 21**
Il-Maltin isofru żewġ telfiet kbar

20 **Pietà Hotspurs**
Pietà Hotspurs jippreżentaw lill-players il-ġodda

22 **Kampjonat Premier**
Bidu qawwi minn Hibernians

26 **L-I Diviżjoni**
Lija A. u Melita leaders b'punti massimi

28 **It-II Diviżjoni**
San Ġwann waħedhom fil-quċċata

29 **It-III Diviżjoni**
Sirens jirreġistraw l-akbar rebħiet

30 **Youth FA**
Kwalità mhux kwantità, kwantità ta' kwalità

32 **Kunsill Malti għall-Isport**
Żieda ta' 400% fl-isportivi li ħadu sehem fl-attivitajiet tar-Regatta ta' Jum il-Vitorja

42 **Sports & Exercise**
Nutrition and sport

44 **Gozo Sports**
Bosta clubs Għawdxin ikomplu jissaħħu

46 **Waterpolo**
Neptunes champions għat-22 darba

48 **Snooker/Pool**
Bidu tajjeb minn Cini u Busuttil, Drago eliminat fit-tmien round

50 **Tiġrijiet taż-Żwiemel**
Jissokta l-istaġun wara l-waqfa tas-sajf

52 **L-Istorja tal-Futbol Malti**
Floriana jkabbru l-vantaġġ fil-quċċata tal-klassifika

54 **L-Istorja tar-Regatta f'Malta**
It-Tiġrija tal-Vitorja

56 **Spot the Ball u Tisliba**
Irbaħ ma' SPORTIV

mfa.com.mt







# Is-Segretarju Parlamentari għall-Isport iżur lit-tim nazzjonali




Is-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport, Dr. Stefan Buontempo, żar l-iskwadra nazzjonali waqt sessjoni ta' taħriġ qabel il-konfront kontra d-Danimarka, li ntlagħab fis-6 ta' Settembru.

Filwaqt li tkellem mal-plejers u mal-kowċ nazzjonali, it-Taljan Pietro Ghedin, l-Onorevoli Buontempo ħeġġiġhom biex jagħtu l-aqwa prestazzjoni kif ukoll għamel appell lill-Maltin biex iħobbu lit tim Malti u biex jattendu bi ħġarhom ħalli jagħtu l-appoġġ sħiħ tagħhom waqt il-logħbiet.

F'din iż-żjara kien hemm jakkumpanjah kontinġent magħmul minn tfal mill-Cottonera United Football Nursery.





# Żepp fl-ewwel dehriet tiegħu mat-tim nazzjonali

Żepp, il-kelb li l-MFA addottat bħala mascot tat-timijiet nazzjonali, għamel l-ewwel dehriet tiegħu proprju fl-aħħar żewġ logħbiet tat-Tazza tad-Dinja li Malta lagħbet, f'Settembru.

Żepp, li ġibed l-ammirazzjoni ta' ħafna li jħobbu l-annimali u anki ta' dawk li ma jrabbux xi animal bħala pet, deher l-ewwel darba mat-tim nazzjonali fil-logħba ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja tal-Ġimgħa, 6 ta' Settembru, kontra d-Danimarka u l-inizjattiva ntlaqgħet tajjeb.

It-tieni dehra fl-Istadium Nazzjonali għamilha, erbat ijiem wara, fil-logħba kontra l-Bulgarija li kienet ukoll valida mill-gruppi ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja.

Kienet b'inizjattiva tal-President tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, li dan il-kelb ġie addottat wara li dan kien instab fi stat ħażin u ta' abbandun.

L-MFA kienet għamlet sejħa biex jintgħażel isem għall-kelb u fil-fatt intgħażel l-isem ta' Żepp. Il-persuna li pproponiet l-isem ta' Żepp ingħata biljetti kumplimentari biex seta' jattendi l-logħba konta d-Danimarka u jsegwi wkoll id-debutt ta' Żepp.

Żepp, issa qed jinżamm f'post apposta mibni għalih fil-parkeġġ taċ-Ċentru Tekniku tal-MFA maġenb il-West Stand tal-Istadium Nazzjonali.












# It-tim ta' taħt is-17-il sena jkompli bil-preparazzjoni f'Wales

Lejn l-aħħar ġimgħa ta' Awwissu, it-tim nazzjonali ta' Taħt is-17-il sena mar jilgħab żewġ partiti ta' ħbiberija kontra Wales fi Newport. Kienu partiti impenjattivi bi tħejjija għall-impenji kompetittivi li t-tim għandu fil-fażi finali tal-Kampjonat Ewropew f'Mejju li ġej.

It-tim Malti, immexxi mill-kowċ Sergio Soldano, tilef l-ewwel logħba bl-iskor ta' 4-0 iżda mbagħad rebaħ it-tieni logħba bl-iskor ta' 3-2. F'din it-tieni logħba, Wales kienu minn fuq bl-iskor ta' 1-0 sal-mistrieħ. Iżda żewġ goals fi spazju ta' tliet minuti dawru r-riżultat favur it-tim Malti bl-iskorers ikunu Matthew Guillaumier u Aidan Friggieri. Iżda Wales rnexxielhom iġibu d-draw mis-sostitut Dylan Thomas wara li kien Connor Evans li poġġihom fil-vantaġġ.

Biss, seba' minuti mit-tmiem Aidan Friggieri skorja l-goal li kiseb ir-rebħa għal Malta u patta għad-diżappunt tal-ewwel logħba.

Il-plejers fl-iskwadra tal-kowċ Soldano kienu:
Jamie Azzopardi
Conor Borg
Christian Degabriele
Nick Ghio
Jake Grech
Matthew Guillaumier
Joseph Mbong
Kyrian Nwoko
Neil Spiteri
Mauro Sultana
Aidan Friggieri
Mikhail Sciberras
Isaac Abela
Nicholas Pulis
Iousef Meli
Daniel Buckle
Juan Carlos Corbolan

Il-grupp tmexxa minn Robert Gatt, Direttur Tekniku tal-MFA.



# Debutt internazzjonali għat-tim ta' taħt id-19-il sena tan-nisa



Ix-xahar ta' Awwissu 2013, se jibqa' mniżżel fl-istorja tal-futbol tan-nisa bħala l-magħmudija tan-nar tat-tim nazzjonali ta' Taħt id-19-il sena fix-xena internazzjonali.

Il-kowċ, Mark Gatt, ingħata r-responabbiltà li jmexxi dan it-tim fl-ewwel żewġ logħbiet ta' ħbiberija kontra l-Irlanda ta' Fuq, fit-training grounds f'Ta' Qali, lejn tmiem ix-xahar.

It-tim Malti tilef iż-żewġ logħbiet bl-iskor ta' 2-0 u 2-1 rispettivament, bis-sostituta Jade Flask tiskorja l-ewwel goal Malti minn penalty.

L-iskwadra Maltija kienet komposta minn:

Janice Xuereb, Sonia Schembri, Charlene Cassia, Michelle Zuber, Jade Flask, Martina Borg, Brenda Borg, Shona Zammit, Annie Marie Muscat, Amber Grech, Moddy-Anne Refalo, Rose Baldacchino, Martina Cilia, Raina Guisti, Marie Claire Aquilina, Claudette Xuereb, Alessia Caschetto, Cassandra Camilleri.

Matul dawn l-aħħar snin il-futbol tan-Nisa għamel avvanzi kbar fil-livell u dan grazzi għall- investiment tal-MFA fis-settur tal-grassroots, liema nvestiment qiegħed jirrendi f'kull settur f'din id-dixxiplina.




# Kors dwar is-servizzi mediċi fil-futbol



L-iżvilupp fil-qasam tal-mediċina fil-futbol huwa essenzjali għas-saħħa tal-plejers. Timijiet mediċi li jinkludu tobba, ambulanzi, tagħmir tal-ewwel għajnuna u faċilitajiet oħrajn huma importanti sabiex il-plejers jistgħu jingħataw attenzjoni medika moderna u speċjalizzata.

Il-UEFA u l-Assoċjazzjonijiet nazzjonali, bl-appoġġ tal-klabbs qed jagħmlu ħidma imprezzabbli f'dan il-qasam bil-UEFA tipprovdi inizjattivi permezz tal Kumitat tal-Mediċina u fergħat oħra li jippromwovu lil dan is-settur.

L-impenn tal-Konfederazzjoni Ewropea, fil-ħidma tagħha permezz tal-UEFA Football Doctor Education Programme biex tiżviluppa l-mediċina fil-futbol u fil-kura ta' prevenzjoni kif ukoll korrimenti, qed ikollha rispons pożittiv mill-Assoċjazzjonijiet Nazzjonali.

Kors għat-tobba li jaħdmu mal-klabbs huwa l-aħħar inizjattiva tal-MFA biex dawn ikunu aggornati mal-ħsibijiet tal-UEFA rigward it-teknikalitajiet moderni fil-qasam tal-mediċina relatata mal-futbol.

Dan il-kors, li kien immexxi minn Dr. David Attard u speċjalisti oħra f'din il-materja, sar lejn l-aħħar tax-xahar Awwissu fiċ-Ċentru Tekniku tal-MFA u kien mifrux fuq jumejn. Għal dan il-kors attendew tobba li jispeċjalizzaw f'diversi oqsma tal-kura u l-prevenzjoni.

Għal dan il-kors attendew ukoll it-tobba li jifformaw parti mill-istruttura tat-timijiet nazzjonali kif ukoll tobba minn diversi klabbs lokali. Matul is-sessjonijiet ta' prattika ta' dan il-kors intuża tagħmir speċjali, li jintuża biex jikkura l-korrimenti tal-plejers.

Din l-attività għandha tipprovdi bażi soda għall-ħidma tat-tobba tagħna f'dan il-qasam li għandha tgħinhom jagħtu l-aħjar kura lill-plejers qabel, waqt u wara l-logħbiet. B'hekk, permezz ta' din l-inizjattiva tal-MFA, il-plejers ikunu jistgħu jserrħu rashom li qed jikkompetu f'ambjent aktar b'saħħtu, sikur u seren.

# 'Give Cancer the Boot' attività ta' għarfien dwar il-kanċer mill-MFA



Bħala parti mill-attivitajiet ta' appoġġ għall-Fondazzjoni Action for Breast Cancer (ABCF) bil-kampanja *Give Cancer the Boot*, l-MFA li kienet irrappreżentata mis-settur tal-Futbol tan-Nisa, ħadet sehem fil-Pinktober Walk for Life li saret il-Ħadd 15 ta' Settembru.

L-attività kienet attrazzjoni popolari wara l-pubbliċità li ingħatat mill-ABCF, Hard Rock Café Malta u l-MFA u din qed issir biex ikun hemm aktar għarfien dwar il-kanċer tas-sider u l-ħtieġa biex titneħħa l-biżgħa li din il-kundizzjoni tista' ġġib.

Fost dawk li ħadu sehem fil-mixja kien hemm Michelle Muscat, mart il-Prim Minsitru, id-deputati Nazzjonalisti Paula Mifsud Bonnici u Joe Cassar u Anne Fenech Adami, il-mara tal-viċi Kap Nazzjonalista, Beppe Fenech Adami.

Din il-mixja kienet organizzat minn Hard Rock Café Malta u din kienet preludju għall-attività li se torganizza l-MFA fil-ġimgħat li ġejjin, filwaqt li fil-mixja ħadu wkoll sehem membri tat-tim nazzjonali tal-Futbol tan-Nisa.

Fil-mixja pparteċipa wkoll Żepp, il-kelb mascot tat-timijiet nazzjonali li qed taddotta l-MFA. Kien hemm ukoll parteċipazzjoni ta' nisa u tfajliet oħra, fosthom plejers, kowċis u amministraturi tal-klabbs lokali flimkien ma' familjari u ħbieb.

B'kollox ħadu sehem kważi 150 persuna, kollha lebsin il-kulur roża, biex b'hekk l-attività kienet waħda mmirata lejn il-kuxjenza marbuta mal-mara fis-soċjetà. Il-mixja bdiet minn Ta' Xbiex u baqgħet sejra sal-Hard Rock Café fil-Kumpless ta' Bay Street fejn l-parteċipanti kielu flimkien u għamlu festa minn dan l-avveniment.

Matul l-attività, Adolf Vella, Sales & Marketing Manager ta' Hard Rock Café, irringrazzja lil dawk preżenti għas-sehem tagħhom u ħabbar li l-plejers tat-tim nazzjonali tan-Nisa se jkunu l-ambaxxaturi ta' Pinktober u se jaħdmu mill-qrib ma' Hard Rock Café biex jikber l-għarfien għar-raba' edizzjoni konsekuttiva ta' din l-attività.

Membri tal-Fondazzjoni ABCF irringrazzjaw lill-parteċipanti kollha u lill-isponsors fosthom it-tim nazzjonali tan-Nisa, Hard Rock Café Malta, Malta Medical Students, Amac Ltd, St. James Hospital u San Michel Water.

Min-naħa tagħha l-MFA irringrazzjat lil Hard Rock Café Malta li organizza l-mixja, lill-klabbs u l-plejers għall-appoġġ tagħhom u kif ukoll lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor sostnew din l-attività.







# Kors ta' aġġornament għall-osservaturi tal-logħba

"Ma jistax ikollna uffiċjali tal-logħba tajbin mingħajr ma jkollna osservaturi tar-referees mħarrġa." Dan qalu d-Direttur tar-Refereeing Adrian Casha waqt kors ta' aġġornament għall-osservaturi tar-Referees organizzat mid-Dipartiment tar-Refereeing tal-MFA, fil-kwartieri tagħhom f'Ta' Qali.

Materjal maħruġ dan l-aħħar mill-FIFA u l-UEFA rigward it-tagħlim għall-osservaturi, kien fost is-suġġetti diskussi f'dan il-kors. Dawn kienu jinkludu l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tar-Regoli tal-Logħba kif ukoll l-aħħar linji ta' gwida ta' kif għandhom jiġu assessjati l-uffiċjali tal-logħba.

Għal-logħbiet tal-BOV Premier League u l-Ewwel Diviżjoni kien introdott rapport għall-osservaturi tar-referees. Ir-rapport huwa ddettaljat u identiku għar-rapport tal-UEFA. Ingħataw dettalji wkoll dwar is-sistema ta' punteġġi ġodda lill-assistenti referees addizzjonali u r-raba' uffiċjal.

Victor Mintoff, id-Development Officer, kellem lill-parteċipanti tal-kors fuq kif għandhom jingħataw il-punteġġi dwar l-impatt ta' diversi sitwazzjonijiet waqt li Adrian Casha aġġorna lill-osservaturi preżenti dwar l-aħħar interpretazzjonijiet tar-Regoli tal-Logħba fejn fost l-oħrajn kienu jinkludu meta titwaqqaf azzjoni ovvja ta' goal u l-użu tal-vantaġġ u l-offside.

Il-parteċipanti kienu ttestjati dwar l-għarfien tagħhom fit-teknika tal-logħba permezz ta' Trivia Quiz u Video Test fuq ir-regoli tal-logħba.

Dawk preżenti kienu informati li kif sar bl-uffiċjali tal-logħba, l-osservaturi tar-referees se jitqassmu f'kategoriji skond l-esperjenza, il-wirjiet u l-impenn tagħhom.

# Referees Maltin jikkontrollaw logħbiet fil-Finlandja




Id-Dipartiment tar-Referees tal-MFA ħabbar l-ewwel serje ta' bdil ta' referees għal dan l-istaġun u dan sar mal-Finlandja.

Is-Sibt 14 ta' Settembru, ir-referee Fyodor Zammit kkontrolla l-logħba mill-Kampjonat tan-Nisa bejn FC Honka u Aland United. FC Honka qed jokkupaw it-tielet post tal-klassifika filwaqt li Aland United huma l-leaders assoluti.

Il-logħba ntlagħbet f'Espoo, it-tielet l-akbar belt tal-Finlandja. Jgħinu lil Zammit fil-kontroll ta' din il-logħba kien hemm l-Assistant Referee tal-FIFA, Mitchell Scerri u l-Elite Assistant Referee Peter Abela. Għal Abela dan kien id-debutt internazzjonali tiegħu.

L-għada, l-istess żewġ assistenti għenu lir-referee tal-FIFA Kevin Azzopardi jikkontrolla l-logħba mill-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni tal-Irġiel bejn PK-35 Vantaa kontra Ilves li ntlagħab fl-ISS Stadion ta' Vantaa li hi r-raba' l-akbar belt fil-Finlandja.

Sadanittant, intlaħaq ftehim ieħor biex fi Frar tas-sena d-dieħla jiġu Malta referees Finlandiżi biex jikkontrollaw logħbiet mill-Kampjonat tan-Nisa u mill-Kampjonat tal-Irġiel lokali.

Intant matul il-ħames ġurnata tal-Kampjonat BOV Premier, żewġ logħbiet kienu kkontrollati minn uffiċjali minn Wales, grazzi għal ftehim ta' skambju ieħor ta' referees.





# Referees Maltin jikkontrollaw logħbiet internazzjonali




Matul ix-xahar ta' Awwissu żewġ referees internazzjonali Maltin tal-FIFA kienu impenjati f'logħbiet internazzjonali f'San Marino u l-Portugall.

Kevin Azzopardi kkontrolla logħba mill-Kampjonat Ewropew ta' Taħt il-21 sena u Esther Azzopardi kkontrollat diversi logħbiet mir-round ta' kwalifikazzjoni tal-UEFA Champions League u anki serviet bħala r-raba' uffiċjal waqt il-Kampjonat Ewropew 2013 li ntlagħab fl-Isvezja.

Ir-referee internazzjonali tal-FIFA, Kevin Azzopardi kien inkarigat mill-UEFA biex jikkontrolla logħba mill-Kampjonat Ewropew ta' Taħt il-21 sena bejn San Marino u l-Litwanja.

Għal din il-logħba Azzopardi kellu jassistuh lil William Debattista u Sammy Attard bħala assistenti referee waqt li r-raba' uffiċjal kien Adrian Azzopardi.

Esther Azzopardi kkontrollat logħbiet fil-Portugall bis-sehem ta' timijiet mill-Isvizzera, Faroe Islands, Montenegro u l-Portugall. Azzopardi ħadet sehem fi tliet logħbiet bħala referee jew raba' uffiċjal.

Azzopardi f'dawn l-aħħar ġimgħat attendiet korsijiet organizzati mill-UEFA u l-FIFA b'konnessjoni mal-finali tal-Kampjonat Ewropew u t-Tazza tad-Dinja li jmiss.

**Suċċess għal Mitchell Scerri fil-Litwanja**

Sadanittant l-assistant referee Malti tal-FIFA, Mitchell Scerri, kien wieħed minn erba' assistenti referees li l-UEFA żammet għas-semi-finali u l-finali tat-tournament tal-Kampjonat Ewropew ta' Taħt id-19-il sena li ntlagħab fil-Litwanja.

Wara l-wirjiet pożittivi li kellu fil-logħbiet kollha tal-Fażi tal-Gruppi, Mitchell Scerri inħatar Assistant Referee 1 fis-semi-finali tal-logħba bejn Spanja u Franza li ntlagħbet f'Kaunas.

# Seminar tal-FIFA għal referees u osservaturi tal-Futsal




Id-Dipartiment tar-Referees tal-MFA organizza FIFA seminar ta' ħamest ijiem għar-referees u osservaturi tal-logħba tal-Futsal li sar fil-Kulleġġ St. Martin's, fis-Swatar. Is-seminar sar bil-kollaborazzjoni tal-Kumitat tar-Referees tal-MFA u l-MFRA.

L-instructor tar-referees tal-FIFA, Perry Gautier mill-Belġju, kien il-kelliem ewlieni. Żewġ referees u żewġ osservaturi mill-FA Ingliża, immexxija mir-Referee Development Officer, Sean Dipple, kienu fost il-parteċipanti bħala parti minn skambju ta' referees mill-Ingilterra.

Sean Dipple għamel ukoll preżentazzjoni dwar il-pożizzjoni tar-referee fil-logħba u d-deċiżjonijiet li jrid jieħu. David Dixon tkellem dwar in-nutriment u l-preparazzjoni fiżika tal-uffiċjali.



Is-seminar kien jinkludi sessjonijiet ta' prattika, billi kkontrollaw logħbiet minn tournament triangulari bis-sehem ta' Pembroke Athleta, Luqa St. Andrew's, Naxxar Lions u Qormi.

Il-parteċipanti sarilhom wkoll Fitness Test u r-riżultati miksuba kienu ferm pożittivi. Il-parteċipanti kienu wkoll assessjati permezz ta' Video Test fejn ir-referees u l-osservaturi kellhom jiddeċiedu dwar id-deċiżjoni t-tajba u possibbilment dwar sanzjonijiet dixxiplinarji.

Il-grupp ta' parteċipanti attendew għal-logħba tat-Tazza tad-Dinja bejn Malta u d-Danimarka u ttieħdu għal żjara kulturali fl-Imdina. Waqt l-ikla uffiċjali, Perry Gautier faħħar l-impenn tal-MFA biex tgħolli l-livell tar-refereeing, l-organizzazzjoni eċċellenti u l-kollaborazzjoni mill-qrib mal-FA Ingliża.




F'isem l-FA Ingliża, Sean Dipple stieden lil Gjergi Bitri, il-Malta FA Fitness Expert u Koordinatur tal-Futsal biex ikun wieħed mill-Instructors f'seminar għal referees tal-Futsal u Osservaturi li se jsir f'Birmingham, f'Marzu 2014. Huwa ppjanat li f'Jannar tas-sena l-ġdida se jsir skambju tar-referees bejn Malta u l-Ingilterra.

Fi tmiem is-seminar, Perry Gautier qassam ċertifikati tal-FIFA lill-parteċipanti kollha u feraħ lil dawk kollha li pparteċipaw għal-livell tajjeb ħafna li għandhom.




# Eks-referee tat-Tazza tad-Dinja f'seminar mar-referees f'Malta

Alan Snoddy kien il-kelliem ewlieni fis-seminar annwali għal Junior Referees li sar fil-Kulleġġ Savio, f'Ħad-Dingli. Snoddy, minbarra li huwa l-Kap tar-Referees fl-Irlanda ta' Fuq, huwa wkoll kowċ u osservatur tar-referees tal-UEFA. Fil-karriera tiegħu ta' 20 sena, Snoddy serva bħala FIFA Referee fejn ikkontrolla logħbiet waqt il-finali tat-Tazza tad-Dinja fil-Messiku fl-1986 u fl-Italja fl-1990.

Kelliema oħra fis-seminar kienu l-instructors Maltin, Charles Agius, Philip Agius, Alexander Arena, Adrian Casha, Gaetano De Gabriele u Victor Mintoff.

Is-suġġetti varji li kienu diskussi kienu jinkludu l-pożizzjoni li jrid jieħu referee, ir-rikonixxment tal-isfidi, r-regola tal-vantaġġ, is-simulazzjoni, il-management, it teamwork u l kopcrazzjoni, il-handball u l-interpretazzjoni tal-kitba ġdida dwar regola numru 11 tal-Offside.

Ronald Zammit mexxa l-aspett tat-teorija u l-prattika tal-preparazzjoni fiżika.

Għal dan is-seminar attendew 31 referee minn kategoriji 2, 3 u 4 u ttieħdu l-istadium nazzjonali biex josservaw il-logħba mill-Kampjonat BOV bejn Birkirkara u Sliema Wanderers.

Il-parteċipanti kellhom jelenkaw x'kienu l-punti pożittivi u ta' żvilupp tar-referee f'din il-logħba. Ir-referee Fyodor Zammit, li kkontrolla l-logħba, kien preżenti għad-diskussjoni.

L-abbiltà teknika tal-parteċipanti kienet assessjata permezz ta' kwiżż dwar ir-regoli tal-logħba u Video Match Situations Test. Il-FIFA Fitness Test sar ġimgħa wara, fil-Kulleġġ San Alwiġi, f'Birkirkara.

Dan is-seminar kien organizzat mill-Malta FA Refereeing Department bil-kollaborazzjoni tal-Malta FA Referees Committee u l-Malta Football Referees Association (MFRA) u huwa parti minn programm ta' attivitajiet edukattivi mmirati biex ikompli jitjieb il-livell ta' edukazzjoni tal-uffiċjali Maltin u Għawdxin.







1



2

# Nitilfu b'auto-goal sfortunat kontra d-Danimarka

**AUTO-GOAL** sfortunat li sofra kmieni fit-tieni taqsima, it-team Malti ġie mċaħħad mis-sodisfazzjon li jikseb punt minn konfront li deher li seta' jkun wieħed diffiċli, li iżda, li kieku ħadna punt minnu ma konna nisirqu xejn.

Il-coach Pietro Ghedin kellu jwettaq tibdil sforzat minħabba li ż-żewġ difensuri, Alex Muscat u Luke Dimech, kienu sospiżi, biex fil-post tagħhom ġew utilizzati John Mintoff u Rowen Muscat.

Il-Maltin taw l-impressjoni li setgħu jikkrollaw minn kmieni hekk kif bil-kemm kienu għaddew minuta u 15-il sekonda meta d-Daniżi marru fil-vantaġġ. Imma, minkejja li għal xi hin baqgħu kemmxejn diżorjentati, b'mod gradwali, il-players Maltin bdew jimmaturaw bil-konsegwenza li ksibna d-draw eżatt qabel il-mistrieħ minn ġmiel ta' freekick skorjat minn Clayton Failla.

Stajna wkoll dħalna nistrieħu fil-vantaġġ li kieku l-captain Michael Mifsud ma għaġġilx u xxuttja għoli minn qagħda tajba meta seta' qassam lil Edward Herrera li deher f'qagħda aħjar minnu.

Id-Daniżi ma setgħux ikollhom bidu aħjar meta fl-ewwel azzjoni li ħolqu, fit-tieni minuta, Martin Braithwaite ikkrossja għan-nofs u LEON ANDREASEN b'xutt imkaxkar għeleb lil Haber.

Fis-17-il minuta waslet l-ewwel azzjoni tal-Maltin, b'Lars Jacobsen jipprova jikklerja bir-ras, imma Andrè Schembri minn qagħda ferm angolata ttanta xortih b'xutt fil-baxx li l-goalkeeper, Stephan Andersen, imblokka f'corner.

Il-Maltin bdew ikunu aktar avventurużi u Michael Mifsud kien għoddu hasad lil Stephan Andersen b'xutt mill-ewwel wara li Daniel Agger waqqaf lil Andrè Schembri imma l-goalkeeper Daniż salva tajjeb.

Madankollu, fit-38 minuta, wasal il-goal tad-draw mistħoqq għall-Maltin permezz ta' CLAYTON FAILLA li ħalla lil Andersen iħares minn freekick kapolavur.

Qabel il-mistrieħ, Michael Mifsud daħal tajjeb fil-kaxxa imma spara għoli meta seta' qassam lil Edward Herrera li deher li kien f'qagħda aħjar minnha seta' jikkonkludi.

Kien mill-ġdid Michael Mifsud li ħoloq l-ewwel periklu fit-tieni taqsima, preċiżament, fil-51 minuta, meta minn pass ta' Roderick Briffa ra d-daqqa ta' ras tiegħu taħbat mal-mimduda b'Andersen megħlub.

Żewġ minuti biss wara, wasal il-goal li kellu jkun tar-rebħa għad-Daniżi, meta Christian Eriksen daħal tajjeb fil-kaxxa, qabeż lil Justin Haber u fajjar xutt li ħabat mal-mimduda, imma sfortunatament ħabat ma' dahar

Ritratti: Roger Azzopardi







Ryan Camilleri biex spiċċa fix-xibka.

Il-Maltin ipprovaw iwettqu reazzjoni għal dan il-goal sfortunat iżda l-aktar li resqu qrib kien permezz ta' azzjoni bejn Schembri u Mifsud bil-captain Malti jidħol tajjeb fil-kaxxa imma x-xutt finali tiegħu għadda ftit metri 'l bogħod minn sieq il-lasta.

Min-naħa tagħhom, id-Daniżi dehru kuntenti jikkontrollaw il-vantaġġ minimu tagħhom bla ma jkunu wisq perikolużi fil-konklużjonijiet tagħhom, bl-aħjar ċans jigi għand l-aħjar payer tagħhom, Christian Eriksen, li temm azzjoni personali b'xutt imkaxkar li Justin Haber salva tajjeb.

1. **Roderick Briffa (Malta) jipprova jantiċipa lil Martin Braithwaite (Danimarka)**
2. **Mads Hvilsom (Danimarka) jidħol bejn Clayton Failla u Ryan Camilleri (Malta) u jindirizza l-ballun bir-ras**
3. **Il-formazzjoni inizjali tad-Danimarka**
4. **Andrei Agius (Malta) jinnewtralizza lil Christian Eriksen (Danimarka)**
5. **Il-formazzjoni inizjali ta' Malta**

**06.09.2013 - 20.00 hrs**

| | |
|---|---|
| **Malta**<br>C. Failla 38 | **1** |
| **Danimarka**<br>L. Andersen 2,<br>R. Camilleri 52 o.g. | **2** |

**HT 1-1 National Stadium - Ta' Qali**

**Malta** – Justin Haber, Gareth Sciberras, Andrei Agius, Clayton Failla, Roderick Briffa, Michael Mifsud (Terence Vella 81), Edward Herrera (Andrew Cohen 89), Andre Schembri, John Mintoff (Ryan Fenech 75), Rowen Muscat, Ryan Camilleri
*Coach* – Pietro Ghedin

**Danimarka** – Stephan Andersen, Leon Andreasen (Casper Sloth 72), Simon Kjaer, Daniel Agger, Nicolai Boilesen, Lars Jacobsen, William Kvist, Christian Eriksen, Martin Braithwaite (Viktor Fischer 84), Nicklas Pedersen, Mads Hvilsom (Michael Krohn-Dehli 46)
*Coach* – Morten Olsen

**Referee** – Tasos Sidiropoulos (Greċja)
**Assistenti** – Christos Baltas, Michael Karsiotis (Greċja)
**Raba' Uff.** – Ilias Spathas (Greċja)
**Ammoniti** – A. Agius, R. Briffa, J. Mintoff, T. Vella (M)

# Il-lasta ċċaħħadna minn riżultat pożittiv



1



2

**IT-TEAM NAZZJONALI** Malti kellu jbaxxi rasu għal telfa identika għal dik li sofra kontra d-Danimarka meta għal darb'oħra, b'daqsxejn aktar fortuna, seta' kiseb riżultat aħjar meta l-lasta ċaħħdet lill-players Maltin f'mill-inqas żewġ okkażjonijiet.

It-telfa kbira ta' 6-0 li t-team Malti kien sofra, f'Marzu li għadda, f'Sofia dehret li setgħet tirrepeti ruħha meta l-Bulgari marru fil-vantaġġ wara disa' minuti biss b'goal minn anglu kważi mpossibbli.

Imma l-players Maltin irreaġixxew bi qlubija u kienu sfortunati li laqtu l-lasti darba f'kull taqsima qabel ma wasal it-tieni goal Bulgaru wara siegħa logħob.

Biss il-Maltin baqgħu jippruvaw u qatt ma taw ruħhom b'mirbuħa biex 12-il minuta mit-tmiem wasal il-goal Malti. L-aħħar ħinijiet ra lill-Bulgari joqogħdu ferm attenti li ma jsofrux xi goal sorpriża li kien iċaħħadhom minn tliet punti mportanti li reġgħu tellgħuhom fit-tieni post tal-klassifika ta' Grupp B.

Il-coach tat-team Malti, it-Taljan Pietro Ghedln, wettaq żewġ bidliet mit-team li lagħab kontra d-Danimarka b'Luke Dimech u Alex Muscat jibdew minflok Roderick Briffa, li kien sospiż, u John Mintoff, li beda fuq il-bank tas-sostituti.

Il-partita kellha ftuħ veloċi bil-Maltin joħolqu l-ewwel azzjoni permezz ta' cross minn fuq il-lemin ta' Edward Herrera imma Andrè Schembri ma laqatx tajjeb bil-ballun jgħaddi tul il-lasta.

Ir-reazzjoni Bulgara kienet waħda mmedjata bi cross insidjuż ta' Radoslav Dimitrov interċettat b'diffikultà minn Justin Haber, imma kienu l-Maltin li reġgħu heddew bi cross ta' Andrè Schembri u daqqa ta' ras ta' Andrei Agius tgħaddi tħakkek mal-lasta.

Fid-disa' minuta l-Bulgari fethu l-iskor meta RADOSLAV DIMITROV, minn anglu ferm magħluq, aktar deher li pprova jikkrossja milli jixxuttja b'Justin Haber jinqabad żbilancjat u l-ballun jispiċċa fix-xibka.

It-team Malti kien sfortunat li ma kisibx id-draw ftit wara meta Failla nkariga ruħu minn freekick li l-goalkeeper Bulgaru, Nikolay Mihaylov, salva parzjalment bil-ballun jaħbat mal-wieqfa u jispiċċa f'corner.

It-tieni taqsima bdiet bil-Bulgari fuq l-attakk imma kienu l-Maltin li ħolqu l-ewwel periklu meta Andrè Schembri temm azzjoni personali b'xutt fil-baxx li ħabat ma' sieq il-lasta u mar barra.

Tmien minuti wara, fis-60 minuta, il-Bulgari rdoppjaw meta Gargorov qassam lil Milanov li x-xutt tiegħu mill-qrib ġie mblokkat biex mir-rebound EMIL GARGOROV spara l-ballun fix-xibka.

Il-Maltin kellhom fejn inaqqsu l-margini, fit-63 minuta, meta Edward Herrera qabad lid-difiża Bulgara żbilancjata u pprova jqassam lill-iżmarkat Michael Mifsud iżda Nikoklay Bodurov







intercetta fil-ħin.

Il-Maltin komplew jippressaw bi freekick ta' Edward Herrera salvat f'corner minn Nikolay Mihaylov biex, fit-78 minuta, kien l-istess EDWARD HERRERA li naqqas il-margini tal-iskor meta bidel il-ballun mas-sostitut Terence Vella, li kien għadu kif daħal minflok Mifsud, u b'xutt fil-baxx għar-rokna għeleb lil Mihaylov.

Fl-aħħar ħinijiet, il-Maltin ħabtu biex jipprovaw jiksbu l-goal tad-draw bil-Bulgari jagħżlu li jiddefendu l-vantaġġ minimu li kellhom, li rnexxielhom iżommu sat-tisfira finali tar-referi Rumen, Alexandru Dan Tudor.

1. **Radoslav Dimitrov (xellug) jiftaħ l-iskor għall-Bulgarija kontra Malta**
2. **Luke Dimech (Malta) jirbaħ id-dwell kontra Todor Nedelev (Bulgarija)**
3. **Il-formazzjoni inizjali tal-Bulgarija**
4. **Ryan Camilleri (Malti) jiddefendi l-ballun minn Emil Gargorov (Bulgarija)**
5. **Il-formazzjoni inizjali ta' Malta**

**10.09.2013 - 20.00 hrs**

**Malta** **1**
E. Herrera 78

**Bulgarija** **2**
R. Dimitrov 9, E. Gargorov 59

**HT 0-1 National Stadium**

**Malta** – Justin Haber, Gareth Sciberras, Andrei Agius, Luke Dimech, Clayton Failla (Ryan Fenech 66), Michael Mifsud (Terence Vella 77), Edward Herrera, Andrè Schembri, Rowen Muscat, Ryan Camilleri (Jonathan Caruana 82), Alex Muscat
*Coach* – Pietro Ghedin

**Bulgarija** – Nikolay Mihaylov, Radoslav Dimitrov, Nikolay Bodurov, Ivan Ivanov, Veselin Minev, Svetoslav Dyakov, Vladimir Gadzhev, Ivelin Popov, Georgi Milanov (Hristo Zlatinski 81), Emil Gargorov (Dimitar Rangelov 61), Todor Nedelev (Spas Delev 66)
*Coach* – Lyuboslav Penev
**Referee** – Alexandru Dan Tudor (Rumanija)
**Assistenti** – Cristian Constantin Nica, Aurel Onita (Rumanija)
**Raba' Uff.** – Pavel Balaj (Rumanija)
**Ammoniti** – A. Schembri, R. Fenech (M); D. Rangelov, N. Bodurov, S. Dyakov (B)



# Il-Maltin isofru żewġ telfiet kbar

**WARA T-TELFA** ta' 2-0 kontra l-Polonja, f'Ġunju li għadda, it-team nazzjonali Malti ta' Taħt il-21 sena sofra żewġ telfiet oħra, barra minn daru, meta matul dan ix-xahar lagħab fir-round ta' kwalifikazzjoni tal-Kampjonat Ewropew, kontra t-Turkija (4-0) u l-Greċja (5-0) rispettivament.

Kif jindikaw iż-żewġ riżultati, il-Maltin lagħbu kontra oppożizzjonijiet diffiċli. It-Torok huma meqjusa minn fost l-aqwa fil-grupp filwaqt li kontra l-Greċja, il-coach nazzjonali, Ray "Żażu" Farrugia kellu jinżel bi skwadra ta' emerġenza hekk kif mill-ewwel partita kienu neqsin Zach Muscat (sospiż) u l-imweġġgħin Bjorn Kristensen, Louis Cutajar u Steve Pisani biex Jean Paul Farrugia lagħab fit-tieni taqsima wara li laħaq irkupra fil-ħin.

Sal-mistrieħ tal-ewwel logħba, it-Torok kienu diġà fil-vantaġġ ta' tliet goals minn doppjetta ta' Omer Ali Sahiner (26, 40) u goal ieħor minn Kerim Koyunlu.

Imbagħad, bil-kontroll assoluta tal-partita, is-sostitut Enes Unal (70) issiġilla r-rebħa għat-Torok.

Fit-tieni logħba, l-affarijiet għall-Maltin kienu aktar dffiċli fejn il-coach nazzjonali kellu jsejjaħ, minn Malta, liż-żewġ players Mark Spiteri (Balzan) u Brandon Muscat (Hibernians) minħabba n-nuqqas ta' players għad-dispożizzjoni.

Sa tmiem l-ewwel taqsima, il Griegi skorjaw darbtejn minn doppjetta ta' Nikos Karelis (5, 13) biex imbagħad r-rebħa kompliet timmatura wara l-mistrieħ bi tliet goals oħra ta' Stelios Kitsiou (72), Dimitris Diamantakos (76) u Giannis Gianniotas (90).

B'hekk, il-Maltin għadhom qed ifittxu l-ewwel punt minn tliet partiti.











1. Il-formazzjoni inizjali Maltija kontra t-Turkija
2. Matthew Tabone (Malta) jgħasses lil Sezer Ozmen waqt corner favur it-Turkija
3. Louis Cutajar (Malta) jittakilja lil Omer Ali Sahiner (Turkija)
4. Il-formazzjoni inizjali Maltija kontra Grećja
5. Clyde Borg (Malta) f'taqtiegħa għall-ballun kontra Tassos Lagos (Grećja)
6. Jean Paul Farrugia jirbaħ il-pussess għal Malta kontra l-Grećja

**KLASSIFIKA**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Polonja | 3 | 2 | 0 | 1 | 6 | 4 | 6 |
| Svezja | 2 | 1 | 1 | 0 | 5 | 3 | 4 |
| Turkija | 3 | 1 | 1 | 1 | 7 | 5 | 4 |
| Grećja | 1 | 1 | 0 | 0 | 5 | 0 | 3 |
| Malta | 3 | 0 | 0 | 3 | 0 | 11 | 0 |

**05.09.2013 - 18.00 hrs**

## Turkija 4
O. Ali Sahiner 26, 40,
K. Koyunlu 44, E. Unal 72

## Malta 0

**HT 3-0 Recep Tayyip Erdogan - Istanbul**

**Turkija** – Aykut Ozet, Kamil Corekci, Ugur Ciftci (Yusuf Erdogan 75), Barkaycan Degirmencioglu, Sezer Ozmen, Alpaslan Ozturk (Enes Unal 70), Emrah Bassan, Okay Yokuslu (Gokay Iravul 59), Omer Ali Sahiner, Kerim Koyunlu, Musa Cagiran
*Coach* – Abdullah Ercan

**Malta** – Jurgen Borg, Christian Grech, Zach Muscat, Bjorn Kristensen (Lydon Micallef 76), Stephen Pisani, Sacha Borg, Clyde Borg, Louis John Cutajar (Matthew Tabone 28), Ryan Camenzuli (Jurgen Pisani 46), Ryan Scicluna, Jean Paul Farrugia
*Coach* – Ray Farrugia

**Referee** – Sergei Tsinkevich (Belarus)
**Assistenti** – Vitali Malyutin, Evgeni Romanov (Belarus)
**Raba' Uff.** – Denis Scherbakov (Belarus)
**Ammoniti** – Z. Muscat (M); U. Ciftci (T)

**10.09.2013 - 18.30 hrs**

## Grećja 5
N. Karelis 5, 13,
S. Kitsiou 72,
D. Diamantakos 78,
G. Gianniotas 90

## Malta 0

**HT 2-0 Peristeri Stadium - Ateni**

**Grećja** – Stefanos Kapino, Kostas Stafylidis (Charalambos Lykogiannis 80), Mavroudis Bougaidis, Giannis Potouridis, Tassos Lagos, Dimitris Kolovos (Tasos Bakasetas 76), Antreas Bouchalakis, Apostolos Vellios (Dimitris Diamantakos 76), Nikos Karelis, Giannis Gianniotas, Stelios Kitsiou
*Coach* – Kostas Tsanas

**Malta** – Jurgen Borg, Matthew Tabone, Christian Grech, Lydon Micallef (Stephen Pisani 34), Daren Falzon, Johan Bezzina (Jean Paul Farrugia 46), Sacha Borg, Clyde Borg, Jurgen Pisani (Brandon Muscat 79), Ryan Camenzuli, Ryan Scicluna
*Coach* – Ray Farrugia

**Referee** – Michael Johansen (Danimarka)
**Assistenti** – Henrik Sonderby, Niels Hoeg (Danimarka)
**Raba' Uff.** – Michael Tykgaard (Danimarka)
**Ammoniti** – K. Stafylidis, G. Gianniotas (G); J. Bezzina, S. Borg, R. Scicluna, J. P. Farrugia (M)

# Pietà Hotspurs jippreżentaw lill-players il-ġodda

**F'KONFERENZA** tal-aħbarijiet li saret fis-sala ewlenija, il-club tal-Ewwel Diviżjoni Pietà Hotspurs, ippreżenta lill-players il-ġodda ftit jiem qabel ma ingħata bidu għall-Kampjonat.

Kien il-president, Joe Sammut, li fetaħ din il-konferenza stampa li b'sodisfazzjon kbir qal li l-club għandu tmexxija għaqlija u jinsab fid-direzzjoni l-ġusta.

"Din hija t-tielet sena tiegħi bħala president tal-club u sa mill-ewwel ġurnata, bdejt naħdem flimkien ma' sħabi tal-kumitat, grazzi għas-segretarju Mario Mallia, u t-teżorier, Damien Saliba, biex lil dan il-club nerġgħu nagħtuh fiduċja, ħajja ġdida u dak li jixraqlu.

"Bis-sitwazzjoni li sibna ma kinetx faċli biex nerġgħu ntellgħu lil dan il-club 'il fuq imma bid-determinazzjoni u bil-ħabel li ġbidna bejn kulħadd, fi żmien sentejn, tlajna tarġa mportanti ... u għamilna suċċess kbir.

"Minbarra li ttakiljajna bosta problemi, konna kapaċi wkoll li nħallsu l-pagi tal-players fi tmiem ta' kull xahar. U dan seta' jseħħ bl-għajnuna tal-isponsors, dawk in-nies li jpoġġu fil-club tagħna u anke tal-partitarji.

"Anke jekk ma lħaqniex l-objjettiv tagħna li niksbu l-promozzjoni għall-Premier, il-mira tagħna kienet li nqajmu lill-club fuq saqajh.

"Dan iċ-ċertifikat ħareġ mal-għeluq tas-sena finanzjarja, 2012/13, hekk kif irriżulta li l-club kien ħallas id-djun kollha, li jinkludu l-pagi b'lura, kif ukoll spiċċa b'ammont sostanzjali ta' flus fil-kont tal-bank.

"Dan l-istess ċertifikat jimlina b'kuraġġ biex minn din is-sena nibdew inħarsu aktar lejn it-team.

"Għaldaqstant fil-laqgħat tal-kumitat dħerilna li kellna nbiddlu l-istaff tekniku fejn ingaġġajna lil Noel Coleiro bħala l-head coach li jippossjiedi l-liċenzja A tal-UEFA ... u li se jġib miegħu esperjenza kbira mill-Kampjonat Premier.

"Miegħu ġibna wkoll lil Orosco Anonam bħala l-assistent tiegħu kif ukoll bħala player li jista' jgħaddi l-esperjenza tiegħu lill-players żgħażagħ.

"Iffirmajna wkoll lil Charles Sciberras bħala coach tal-goalkeepers kif ukoll irreġistrajna lil Alfred Attard bħala l-coach tal-kategorija ta' Taħt id-18-il sena.

"Imbagħad kien imiss kif se nsaħħu l-iskwadra tagħna u wara konsultazzjoni mal-coach, irrġeistrajna bosta players fosthom lill-goalkeeper David Cassar (Tarxien R.), lill-player Brażiljan Ricardo Costa (ex Tarxien R.) u lil Matthew Borg, li fl-istaġun li għadda ingħaqad magħna f'Jannar biex erġajna ngaġġajnih.

"Sadanittant, erġajna ffirmajna lit-tliet players li kienu magħna l-istaġun li għadda, Cleavon Frendo (Valletta), Luciano Mmba Mutasi u Raphael Alain Kooh Solna.

"Nemmen li b'dawn l-akkwisti se jkollna skwadra kompetittiva, li iżda, għalkemm l-objjettiv tagħna huwa li niksbu l-promozzjoni, ma jien se nagħmel l-ebda pressjoni minħabba li din id-diviżjoni se tkun waħda missielta. Iżda nistenna mpenn massimu mill-players tagħna.

"Barra minn hekk, nistenna li nara attendenzi akbar minħabba li l-kumitati kollha qed jagħmlu ħafna xogħol siewi u sagrifiċċji biex il-livell tal-Ewwel Diviżjoni dejjem jogħla.

"Fl-aħħarnett ngħid ukoll li l-għan prinċipali tal-club huwa li jimxi f'konformità mar-regoli tal-*Financial Fair Play*, li se jkunu fis-seħħ matul is-sena li ġejja, għax b'hekk biss nistgħu nħarsu lil dan il-club u nkunu kompettitivi."

Is-seminar ġie konkluż minn Fr. Hilary Tagliaferro li ta ħarsa lejn l-introduzzjoni tal-Green Passport bil-possibbiltà li dan jidħol fis-seħħ minn Jannar 2014 wara li jitkomplew laqgħat ta' konsultazzjoni man-nurseries u dipartimenti oħrajn biex jinstab u jiġi stabbilit l-aħjar format tiegħu. Fr. Hilary qal li dejjem qed joqrob iż-żmien li mmorru lejn il-kwantità ta' kwalità. B'50 nursery madwar Malta, huwa meħtieġ li l-Youth FA, l-MFA il-football Malti, inkluż il-Gvern, ikollhom informazzjoni professjonali ta' dak kollu li qed jiġri fil-qasam tal-football sa minn età zgħira. Il-"passaport" irid li jkollu l-informazzjoni, medika, fiżika u l-progress ta' kull tifel kif ukoll l-istorja tal-mixja ta' kull tifel minn nursery għal oħra jekk ikun il-każ. Din tkun ukoll ta' aċċessibli għall-ġenituri tat-tfal. Fr. Hilary qal li apparti l-valur li ser iġorr kull "passaport" għall kull player, ser ikun ritratt ħaj tal-passaġġ li jgorr kull player fiż-żmien tiegħu fil-logħba tal-football. Finalment, huwa ħeġġeġ għall-koperazzjoni ta' kulħadd f'dan il-proġett importanti fil-mixja ta' aktar professjonalità u serjetà fin-nurseries Maltin.




Is-Segretarju Parlamentari, Stefan Buontempo, waqt l-indirizz tiegħu

# Żieda ta' 400% fl-isportivi li ħadu sehem fl-attivitajiet tar-Regatta ta' Jum il-Vitorja

**L-GĦADD TA' SPORTIVI** li ħadu sehem fl-attivitajiet ta' din is-sena b'rabta mar-Regatta ta' Jum il-Vitorja kien ta' 160 aktar mis-sena l-oħra. Dan qalu s-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport, Stefan Buontempo, meta indirizza konferenza tal-aħbarijiet li fiha tħabbar ir-Regatta Water Festival. Dan huwa kunċett ġdid immirat biex jagħti nifs ġdid lit-tradizzjoni tar-Regatta. Dan il-festival ġie maħsub u organizzat mill-Kummissjoni tal-Isport: Nifs Ġdid għall-Port, immexxija mis-Sur Teddie Borg, li nħatret mis-Segretarju Parlamentari bl-iskop li tagħti nifs ġdid lir-Regatta.

Dr Buontempo qal li r-regatta kienet se tingħata nifs ġdid billi kienu se jiffokaw mhux biss fuq ir-regatta nnifisha imma wkoll sensiela ta' attivitajiet li huma marbutin mal-baħar, bil-qofol tkun ir-Regatta. Ir-regatta hija wirt nazzjonali mhux biss bħala kompetizzjoni imma wkoll bħala sengħa tal-bini tad-dgħajjes. Għalhekk, b'din l-inizjattiva, il-Gvern qiegħed iżomm mal-wegħda tiegħu li jgħin lill-isport minuri f'pajjiżna.

Is-Segretarju Parlamentari Buontempo qal li l-Port il-Kbir għandu potenzjal qawwi li jeħtieġ li nisfruttawh. Huwa ċar li l-popolarità tar-Regatta qed tonqos u l-Gvern, permezz tal-Kummissjoni, il-clubs tar-Regatta u partijiet interessati oħrajn irid li jġedded din it-tradizzjoni. Dr Buontempo qal li l-isport jista' u għandu jkun parti mir-riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir u għaldaqstant jeħtieġ li nkunu innovattivi u noħorġu b'soluzzjonijiet biex nassiguraw li dak li ħallewlna missirijietna ngħadduh lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna. Dak li sar matul dan ix-xahar kien kunċett ġdid li kien maħsub li jagħti dak in-nifs meħtieġ biex ir-Regatta tikber u terġa' ssir popolari.

Tkellem ukoll iċ-Chairman tal-Kunsill Malti għall-Isport, Jonathan Barbara li semma' l-importanza li r-Regatta għandu jkollha fil-kalendarju sportiv Malti u, għaldaqstant, il-viżjoni li l-KMS għandu jkollu fuq medda twil ta' żmien. Huwa saħaq li hemm bżonn li minn issa nagħtu l-opportunità liż-żgħażagħ, partikolarment dawk li ġejjin mill-inħawi tal-port, sabiex jieħdu sehem f'tiġrijiet għalihom. Dawn iż-żgħażagħ għandhom jingħataw it-taħriġ u t-tagħlim fis-sengħa tal-bini tad-dgħajjes.

Barra minn hekk, ir-Regatta hija tradizzjoni u għandha potenzjal anke fil-qasam tat-turiżmu sportiv. Għalhekk, jixraqilha li terġa' tikseb il-popolarità kemm magħna l-Maltin kif ukoll ma' dawk li jiġu jżuruna.

# 2nd NATIONAL ANTI-DOPING SEMINAR

**ORGANISED BY**
**THE NATIONAL ANTI-DOPING ORGANISATION**
**OF MALTA**

**Date:** 14th September 2013 at 10:00 am, with a repeat on the 25th October 2013 at 6:00 pm

**Venue:** Corinthia San Ġorġ Hotel, St. Julians

**Who can attend?:** Athletes, Coaches, Sports Administrators, The general public

**Download your FREE registration form NOW from:**

**www.sportmalta.org.mt/antidoping**

**Refreshments will be served**

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt
PLAY CLEAN... WIN CLEAN...

UNESCO
United Nations Educational, Scientific and Cultural Organization

With the support of the **UNESCO Fund for the Elimination of Doping in Sport**

In collaboration with the UNESCO National Commission, Malta

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

# Bormla u Marsa jaqsmu x-Shield għal sitt xhur kull wieħed










**GĦALL-EWWEL DARBA** minn mindu bdiet tingħata x-Shield tar-Regatta tal-Vitorja, din se tinqasam bejn żewġ distretti wara li Bormla u l-Marsa kisbu punti ndaqs fi tmiem regatta mill-aktar interessanti, li baqgħet inċerta sat-tmiem.

Mill-banda l-oħra kienet edizzjoni ta' diżappunt kbir għall-Isla, li kienu qed jittamaw li jirbħu x-shield għas-sitt sena konsekuttiva biex jilħqu r-rekord li kienu waqqfu Bormla bejn l-1978 u l-1983.

Imma l-Isla rebħu palju wieħed biss tat-tieni post u tlieta tat-tielet post biex kisbu nofs il-punti li kisbu Bormla u l-Marsa, li spiċċaw b'64 punt kull wieħed.

Bormla dehru mill-bidu determinati li jinsew id-disfatti li kellhom għal diversi snin, tant li kien fl-1994 l-aħħar li rebħu x-shield. Huma rebħu l-ewwel żewġ tiġrijiet dik tal-Midalji u tal-Frejgatini, bil-Marsa jispiċċaw it-tieni

1. It-tiġrija tad-Dgħajjes A tal-Midalji tal-Kategorija Open mirbuħa minn Bormla
2. It-tiġrija tad-Dgħajjes B tal-Pass tal-Kategorija B mirbuħa mill-Birgu
3. It-tiġrija tal-Frejgatini tal-Kategorija Open mirbuħa minn Bormla
4. Qaddiefa, diriġenti u partitarji ta' Bormla jiċċelebraw ir-rebħ tal-Aggregate Shield
5. Qaddiefa, diriġenti u partitarji tal-Marsa jiċċelebraw ir-rebħ tal-Aggregate Shield
6. Is-Sengleani jifirħu wara li rebħu Kategorija B

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt



fl-ewwel waħda u ma jipplejsjawx fit-tieni waħda.

Marsa rebħu t-tielet tiġrija – dik tad-Dgħajjes C tal-Pass b'żewġ qaddiefa – waqt li Bormla spiċċaw fit-tieni post.

Bormla rebħu r-raba' tiġrija – tal-Kajjikki – bil-Marsa jispiċċaw fit-tieni post.

L-aħħar tiġrija għaldaqstant kienet deċisiva, it-tiġrija tad-Dgħajjes B tal-Pass b'erba' qaddiefa, li ġġorr ukoll l-akbar ammont ta' punti – 24 għall-ewwel post, 16 għat-tieni post u tmienja għat-tielet post.

Sa qabel din it-tiġrija, Bormla kellhom 56 punt u l-Marsa 40 punt – differenza ta' 16-il punt – waqt li l-Isla kienu diġà bla ċans b'16-il punt biss.

Marsa ddominaw it-tiġrija biex rebħuha f'ħames minuti u 16-il sekonda, bl-Isla jispiċċaw it-tieni u Bormla t-tielet.

B'hekk Bormla u l-Marsa spiċċaw indaqs b'64 punt kull wieħed, u għaldaqstant se jaqsmu x-shield sitt xhur kull wieħed.

Bormla se jżommuha fl-ewwel sitt xhur minħabba li rebħu tliet paljijiet tal-ewwel pożizzjoni.

L-unika konsolazzjoni għall-Isla kienet li rebħu l-Kategorija B meta spiċċaw l-ewwel b'56 punt, segwiti mill-Kalkara bi 52 punt.

Fi tmiem ir-Regatta, is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Isport, Dr Stefan Buontempo, ippreżenta ż-żewġ shields – dik tal-kbar u l-oħra ta' Kategorija B – lir-rebbieħa rispettivi fost il-ferħ u l-briju tal-uffiċjali, qaddiefa u partitarji tal-klabbs rispettivi.

**RIŻULTATI**

**Kategorija Open**

Dgħajjes A tal-Midalji: 1. Bormla 4'54"; 2. Marsa; 3. Isla
Frejgatini: 1. Bormla 7'26"; 2. Birgu; 3. Kalkara
Dgħajjes C tal-Pass: 1. Marsa 6'04"; 2. Bormla; 3. Isla
Kajjikki: 1. Bormla 5'27"; 2. Marsa; 3. Isla
Dgħajjes B tal-Pass: 1. Marsa 5'16"; 2. Isla; 3. Bormla
Klassifika Finali: Bormla u Marsa 64 punt; Isla 32; Birgu 8; Kalkara 4

**Kategorija B**

Dgħajjes C tal-Pass: 1. Kalkara 6'30"; 2. Isla; 3. Bormla
Kajjikki: 1. Kalkara 6'47"; 2. Isla; 3. Bormla
Dgħajjes A tal-Midalji: 1. Isla 5'12"; 2. Bormla; 3. Birgu
Frejgatini: 1. Birgu 7'37"; 2. Isla; 3. Kalkara
Dgħajjes B tal-Pass: 1. Birgu 5'33"; 2. Kalkara; 3. Isla
Klassifika Finali: Isla 56; Kalkara 52; Birgu 42; Bormla 22



4



5



6



# Żjara lit-team nazzjonali tal-football





**Is-Segretarju Parlamentari** għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport, Stefan Buontempo, żar lit-team nazzjoni Malti tal-football waqt sessjoni ta' taħriġ, qabel il-logħba kontra d-Danimarka. Filwaqt li tkellem mal-plejers u mal-coach, fejn ħeġġiġhom biex jagħtu l-aqwa prestazzjoni, huwa appella lill-Maltin biex iħobbu lit-team Malti u biex jattendu bi ħgarhom ħalli jagħtu l-appoġġ sħiħ tagħhom.

Infatti, l-attendenzi fil-logħbiet kontra d-Danimarka u l-Bulgarija, li tlifna bl-iskor identiku ta' 2-1, kienu sodisfaċenti. Iż-żewġ telfiet kienu ħorox mat-team Malti fejn kontra d-Danimarka kien auto-goal sfortunat li ċaħħadna minn draw filwaqt li fil-konfront kontra l-Bulgarija, il-lasta ċaħħditna darbtejn.

F'din iż-żjara waqt it-taħriġ, kien hemm jakkumpanjawh kontinġent mill-Cottonera United Football Nursery.

1. **Is-Segretarju Parlamentari, Stefan Buontempo, flimkien mal-iskwadra Maltija**
2. **Is-Segretarju Parlamentari, Stefan Buontempo, ikellem lill-players tal-iskwadra nazzjonali**
3. **Is-Segretarju Parlamentari, Stefan Buontempo, jieħu b'id il-coach nazzjonali Pietro Ghedin**

minn Mark Mizzi

# Tennis Club Kordin jaqleb għall-ECO

**IT-TENNIS CLUB KORDIN** huwa wieħed mill-clubs ewlenin tat-tennis f'Malta, u matul is-sena jorganizza diversi kompetizzjonijiet fosthom tournaments għat-timijiet, kompetizzjoni tas-singles u kampjonat tal-mixed doubles. Fil-preżent, il-club iħaddan madwar 400 membru attiv.

Matul is-sena li għaddiet, bl-għajnuna tal-MEUSAC, it-Tennis Club Kordin ibbenefika minn fondi tal-Unjoni Ewropea taħt il-Programm Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF). Il-MEUSAC għen lid-diriġenti tal-club fl-applikazzjoni għall-fondi tal-UE għal proġett ta' stallazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi. Permezz ta' dan il-proġett, il-club mhux biss indirizza d-Direttiva 2009/28/EC tal-UE, iżda wkoll il-miri identifikati fil-politika tal-enerġija għal Malta.



Il-proġett jissodisfa l-kriterji tal-Assi ta' Prijorità 4 dwar il-mitigazzjoni u l-adattabbilità għat-tibdil fil-klima, u jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-UE li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effet serra (GHG) b'tal-anqas 20% fuq il-livelli tal-1990, li żżid l-użu ta' enerġija rinovabbli għal 20% tal-konsum totali, u li tnaqqas il-konsum tal-enerġija b'20% tal-livelli proġettati għall-2020.

Permezz tal-inizjattiva msejħa Tennis Club Kordin goes ECO, il-club tat-tennis qiegħed itaffi wkoll il-piż finanzjarju, fejn huwa stmat li l-istess ċentru jikkonsma medja ta' 60,000 unit kull sena. Il-club mhux biss se jnaqqas il-piż finanzjarju marbut direttament mal-konsum, iżda qed jibbenifika wkoll mill-bejgħ ta' enerġija ġġenerata lill-gvern.

Minbarra l-istallazzjoni tal-pannelli, it-Tennis Club Kordin bidel is-sistema kollha tad-dawl f'waħda effiċjenti, filwaqt li s-sistema tad-dawl tal-courts ġiet kompjuterizzata biex id-dawl jintefa awtomatikament meta ma jkunx hemm nies jilagħbu. Ġiet introdotta wkoll sistema ta' separazzjoni tal-iskart, inżebgħu l-courts b'żebgħa bla ċomb, u tnediet kampanja ta' għarfien dwar l-użu ta' enerġija effiċjenti fil-bini.

Il-MEUSAC jgħin kunsilli lokali u għaqdiet mhux governattivi sabiex jaċċessaw u jagħmlu użu minn fondi tal-programmi tal-UE, u f'dan ir-rigward iħeġġeġ għaqdiet sportivi oħra biex jidħlu għal proġetti marbuta ma' użu effiċjenti tal-enerġija.

Għal aktar informazzjoni tistgħu tikkuntattjaw lill-MEUSAC fuq 22003300 jew funding.meusac@gov.mt





1



2



3

# Preżentazzjoni tal-iSkola tal-Għawm u Waterpolo tal-Otters ASC

**NHAR IT-TNEJN 9 TA' SETTEMBRU**, 2013, ġiet fi tmiem tagħha l-iSkola tal-Għawm u Waterpolo taż-Żgħar organizzata mill-Otters Aquatic Sports Club. Għal din l-okkażjoni attenda Dr. Stefan Buontempo, Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, Innovazzjoni, Żgħażagħ u Sport. Huwa kien milqugħ minn Dr. Enzo Dimech, President tal-Club, kif ukoll mis-Sur Alfred Cachia, Direttur fil-Bord tal-Kunsill Malti għall-iSport u li għal dawn l-aħħar snin kien ukoll il-coach tal-club Għawdxi tal-Otters.

Is-Sur Cachia nnifsu spjega kif titmexxa din l-iskola li tifforma parti mill-Programm 'Summer on the Move' tal-KMS. Għal din l-iskola attendew madwar 100 tifel u tifla, bil-lezzjonijiet isiru kull nhar ta' Tlieta u Ħamis matul ix-xhur ta' Lulju u Awwissu fil-pitch tal-Otters, f'Marsalforn. Huwa qal li s-suċċess ta' din l-iskola nkiseb wara li sar ħafna xogħol mill-iskejjel Għawdxin biex iktar tfal jiġu mħajra jattendu din l-iskola bl-għajnuna kbira li ngħataw mill-Prinċipal tal-Kulleġġ Għawdxi, Anita Sciberras.

Wara li Dr. Buontempo ra lil dawn it-tfal jitħarrġu fl-Għawm u l-Waterpolo, huwa kien imdawwar mal-bini tal-club minn Dr. Dimech u uffiċjali oħra tal-club. Il-President tal-Otters ASC, iddiskuta ma' Dr. Buontempo kif huma, bħala l-uniku club Għawdxi li jitħarrġu u jipprattikaw dan l-isport tal-Għawm u l-Waterpolo f'Għawdex, jistgħu jkomplu jtejbu il-faċilitajiet sportivi tagħhom biex b'hekk ikompli



1. Dr Stefan Buontempo jidher flimkien mal-coaches u mat-tfal wara l-preżentazzjoni taċ-ċertifikati
2. Dr Stefan Buontempo waqt l-indirizz tiegħu wara li żar l-iSkola tal-Għawm u Waterpolo, f'Marsalforn
3. It-tfal waqt l-attività tagħhom fil-pitch ta' Otters ASC, f'Marsalforn

jiżviluppa dan l-isport fil-gżira Għawdxija. Enfasi kbira saret kif dan l-isport ikun jista' jibqa' jiġi pprattikat anke fix-xhur xitwin fejn dan jista' jsir biss jekk tinħoloq pixxina fil-gżira Għawdxija.

Is-Sur Alfred Cachia, wara li flimkien mat-tfal ta merħba lil Dr. Buontempo, huwa rringrazzja lill-istess Segretarju Parlamentari tas-sostenn tiegħu, kif ukoll lill-KMS li nkorporat din l-iskola fil-Programm 'Summer on the Move'. Huwa radd ħajr lil Kumitat kollu tal-Otters ASC għall-impenn tagħhom f'dan is-suċċess. Ma setax jonqos li Cachia jirringrazzja wkoll lill-coaches kollha involuti għad-dedikazzjoni u l-profesjonalità kollha tagħhom. Huwa żied jgħid li jinsab ferm fiduċjuż li din l-iSkola tal-Għawm u l-Waterpolo tibqa annwalment tifforma parti mill-Programm 'Summer on the Move' tal-Kunsill Malti għall-iSport.

Min-naħa tiegħu, Dr. Enzo Dimech beda biex qal kif l-operat ta' din l-iskola seta' jkun possibbli biss bis-sostenn muri personalment minn Dr. Stefan Buontempo, Segretarju Parlamentari responsabbli mill-isport, kif ukoll bl-għajnuna tas-Sur Alfred Cachia u l-Kunsill Malti għall-iSport. Huwa raddilhom ħajr ta' dan kollu. Dr. Dimech irringrazzja wkoll lill-coaches kollha għas-sagrifiċċji li għamlu fejn b'tant dedikazzjoni numru ferm inkoraġġanti ta' tfal attendew għal dawn il-lezzjonijiet kollha tal-Għawm u l-Waterpolo. Huwa temm jgħid li b'ħidma bħal din, dan l-isport jista' jkollu futur isbaħ fil-gżira Għawdxija

Fil-messaġġ tiegħu, Dr. Buotempo appella lit-tfal kollha biex jipprattikaw l-isport mhux biss fix-xhur tas-sajf, iżda wkoll matul is-sena kollha. Huwa appella wkoll lill-ġenituri biex ma jibbażawx u jkunu kuntenti biss bit-taħriġ fiżiku ta' uliedhom li jingħata lilhom matul il-ħinijiet tal-iskola, iżda biex jibqgħu jħajru lil uliedhom jattendu għal attivitajiet fiżiċi oħra barra mill-iskola. Huwa kien qed jorbot dan id-diskors mal-programm li ser ikun imniedi fix-xhur li ġejjin mill-Gvern Ċentrali biex tkompli titkattar dejjem iktar il-mentalità u l-attività sportiva fil-poplu Malti u Għawdxi fi ġlieda kontra l-obeżità.

Fi tmiem dawn il-messaġġi, Dr. Stefan Buontempo ippreżenta ċertifikat ta' attendenza maħruġa mill-KMS lit-tfal kollha li attendew għal din l-iskola tal-Għawn u Waterpolo tal-Otters ASC. Għal din l-okkażjoni attenda wkoll l-Uffiċjal tal-Kunsill Malti għall-iSport f'Għawdex, Joe Bajada.



Dr Stefan Buontempo waqt id-diskors tiegħu

# Il-Gvern se jgħin lill-Għaqdiet ikunu aktar kreattivi u innovattivi sabiex isiru aktar effiċjenti u jħajru aktar nies jgħixu ħajja attiva

## - Stefan Buontempo

**IS-SEGRETARJU PARLAMENTARI** għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport, Stefan Buontempo, ħeġġeġ lill-għaqdiet sportivi jkunu aktar kreattivi u innovattivi sabiex isiru aktar effiċjenti u jħajru aktar nies jgħixu ħajja attiva. Huwa esprima l-impenn tal-Gvern li jgħinhom jagħmlu dan.

Waqt ċerimonja ta' tqassim ta' assistenza finanzjarja li għadd ta' Għaqdiet sportivi fil-Kumpless sportiv tal-Kottonera, Dr Buontempo stieden lill-qasam sportiv biex ikompli jkun sieħeb ewlieni tal-Gvern fil-ġlieda tiegħu kontra l-obeżità u l-mard li ġġib magħha.

L-Għaqdiet li bbenefikaw mill-għotjiet huma l-Federazzjoni Maltija tal-Kendo, l-Assoċjazzjoni Sport Muturi u Karozzi, l-Assoċjazzjoni Maltija tal-Weightlifting, il-Federazzjoni Klabbs tal-Boċċi, il-Klabb tal-Ġinnastika GymStars, il-Klabb Alleat Malti tal-Entużjasti tal-Ixkubetti tal-Arja Kkumpressata (Malta Allied Airgunners Club), u ċ-champion tat-tlielaq tal-muturi, Simon Giordimaina.

Preżenti għaċ-ċerimonja kien hemm, fost l-oħrajn, iċ-Chairman tal-Kunsill Malti għall-Isport, Jonathan Barbara.

kunsill malti
għall-isport
www.sportmalta.org.mt









# Imniedi l-programm Skolasport 2013/14

**HEKK KIF INTEMM** b'suċċess il-programm sportiv tas-sajf tal-Kunsill Malti għall-iSport 'Summer on the Move' fejn kienu madwar 4,500 dawk li pparteċipaw fl-edizzjoni ta' din is-sena, il-Kunsill Malti għall-iSport nieda il-programm tant popolari Skolasport għall-istaġun 2013-2014.

Skolasport huwa programm organizzat mill-Kunsill Malti għall-iSport u joffri attivitajiet vasti ta' dixxiplini sportivi f'seba' Kumplessi mifruxa ma' Malta.

Id-dixxiplini sportivi huma offruti fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera, fil-Kumpless Sportiv Kirkop, fil-Kumpless Sportiv Tal-Qroqq u fil-Kumpless Sportiv tal-Marsa, kif ukoll fi tliett skejjel tal-istat.

Fil-fatt dan il-programm jingħata wkoll mill-iskola Sekondarja tas-Subien, fil-Kulleġġ Maria Regina, il-Mosta, mill iskola Sekondarja tas-Subien fil-Kulleġġ Sant'Injazju, f'Tal-Ħandaq u mill-iskola Sekondarja tal-Bniet fil-Kuleġġ Santa Klara, Pembroke.

Id-dixxiplini sportivi ivarjaw minn ġinnastika, basketball, żfin, football u ħafna oħrajn minn fejn wieħed jista' jagħżel skond il-gosti tiegħu. Ta' min jinnota li ċerti dixxiplini bħal Fitness u Zumba huma mmirati wkoll għall-adulti.

L-applikazzjonijiet qed jitqassmu lit-tfal fl-iskejjel kollha kif ukoll jistgħu jinkisbu mill-Kumplessi Sportivi tal-KMS. Aktar minn hekk il-pubbliku jista' jappilka online minn fuq is-sit tal-Kunsill Malti għall-iSport.

Il-pubbliku huwa mistieden iżur is-sit www.sportmalta.org.mt jew iċempel fuq in-numru 2203 6000 għal aktar informazzjoni.

Ta' min wieħed jinnota li l-ġenituri li jirreġistraw lit-tfal tagħhom għall-programmi offruti mill-KMS, inkluż Skolasport, huma ntitolati għal rebate mit-taxxa sa massimu ta' €100.

**Ir-ritratti juru ftit mill-attivitajiet ta' Skolaport matul is-sajf.**










COACH

Dr Kirill Micallef Stafrace

# Nutrition and sport










**WE ARE WHAT WE EAT** is an expression often thrown about to justify eating healthily, and for athletes this is even more relevant. Hence in this installment of interviews I have asked Johanna Calleja some questions related to the subject. Johanna is a National Team Triathlete and holds an MSc in Exercise and Nutrition Science from the University of Chester and consults a number of athletes, including top Maltese athletes and British athletes, to ensure that their nutrition supports their training programmes and to help them maximise their potential and reach their goals.

Nutrition is the process through which we obtain nutrients from food to support life. As expected, athlete's nutritional needs are often higher than those for more sedentary individuals, and consuming enough calories each day is crucial for athletes to enhance their training and results. Getting the mix of nutrients right, which varies depending on the type, duration and intensity of training, is also essential. While in principle the guidelines for healthy nutrition apply to both the general public and to athletes, certain differences arise – particularly in preparation for and during competition. Apart from health and appropriate weight/body composition, athletes also target maximisation of athletic performance and for this, the guidelines for healthy nutrition may be modified slightly.

For athletes, what, how and when they eat can mean the difference between mediocrity and success. Fuelling one's body correctly can result in more energy, stronger muscles, more endurance, less body fat and quicker recovery. On the other hand, going long periods without fuelling one's body can result in loss of muscle mass, increased body fat percentage, decreased energy level and performance, undesirable body composition & susceptibility to injury.

At this point I asked Johanna about nutritional supplements, the multi-billion euro business that has flooded the sporting and society in general. The word "supplement" implies that such products should be used merely to supplement an optimal diet, and not as the basis of any person's diet – whether he/she is an athlete or not. Contrary to the claims of the majority of health professionals that generally an adequate, varied diet leads to optimal health and performance without the need for supplementation, supplements are frequently used by athletes and the general public.

It is not easy to scientifically prove the effectiveness of a supplement for several reasons, such as individual responses to the supplement and the placebo effect. There could also be certain risks, such as inadvertent doping cases, side effects and health risks, and therefore it is important to weigh the risks and benefits before starting to take any supplement.

However, there are situations when supplement use would be advisable, such as in periods of weight reduction, when e.g. a protein supplement could be useful to help meet protein needs despite the low caloric intake. For athletes who train vigorously and/or long hours with limited time for recovery, sports drinks and carbohydrate-rich products (e.g. energy gels) are useful during and after exercise. However, especially for people who do only moderate exercise, it is important to exercise caution due to their high energy and low nutrient density.

For specific dietary conditions (e.g. vegan, lactose intolerance) and in periods of an unbalanced diet, such as due to travelling or a very busy schedule, vitamins, minerals and trace elements could be useful to help meet daily requirements.

The array of ergogenic aids available is limitless, and in some circumstances, some of these supplements might be of benefit to some athletes (e.g. creatine, caffeine and buffering agents are described to be effective in some situations).

# SATELLITE C55-A-195



FREE!



Windows 8

intel inside CORE i3

4 GB Ram | Max 16 GB RAM | 500GB HDD | 15.6" Screen | 2 Year Warranty | TOSHIBA No Matter What! GUARANTEE

**TOSHIBA**
Leading Innovation >>>

**€499** ONLY
Inc. VAT and ECO

## TOSHIBA TV 24W1333G




24" (60cm) | HD Ready | 50 AMR | Digital Tuner | HDMI & USB | 2 Year Warranty

**TOSHIBA**
Leading Innovation >>>

**€199** ONLY
Inc. VAT and ECO

## TOSHIBA TV 32W1333DG




32" (98cm) | HD Ready | 50 AMR | Digital Tuner | HDMI & USB | 2 Year Warranty

**TOSHIBA**
Leading Innovation >>>

**€279** ONLY
Inc. VAT and ECO

**Tabone Computer Centre**
Toshiba Authorised Distributors and International Service Centre
tel: 21 44 44 12 email: sales@tabone.com

**www.tabone.com**
www.facebook.com/tabonecomputercentre

# Bosta clubs Għawdxin ikomplu jissaħħu


Kerċem Ajax


Munxar Falcons


Xagħra United

**FIT-TENTATTIV** biex issaħħu l-formazzjonijiet tagħhom għall-bidu ta' dan l-istaġun, kif kien mistenni l-clubs kollha Għawdxin għamlu diversi tibdil fosthom anke ta' players barranin li qed jagħmlu l-ewwel dehra tagħhom fil-football Għawdxi.

Dan seħħ ukoll fid-dawl li l-istess clubs Għawdxin li jifformaw parti mill-ewwel diviżjoni qablu li jistgħu jkollhom player wieħed biss barrani f'kull logħba, kif ukoll żewġ players Maltin waqt il-logħob domestiku u sa ħames players barranin fil-parteċipazzjoni tagħhom fil-U*Bet FA Trophy organizzata mill-MFA. Bla dubju, jispikkaw it-timijiet tal-Ewwel Diviżjoni fejn kollha għamlu tibdil biex jilħqu l-ambizzjonijiet tagħhom.

Fl-Ewwel Divizjoni, iċ-champions Nadur Youngsters għal darb'oħra taħt il-coach Gotthard Conti, kellhom jiddebuttaw għalihom lil David Fenech (ex-Tarxien R) u l-attakkant Brażiljan Jonathan Soares (ex-Atletico Joseense). Min-naħa l-oħra r-runners-up Kerċem Ajax għal darb'oħra taħt it-tmexxija tal-coach Josef Vella, jidhru li wkoll ser ikunu fost l-isfidanti ewlenin. Għal dan l-għan huma akkwistaw lill-aħwa Chris u John Camilleri flimkien ma' Matthew Vella (ex-Xagħra U), Keith Bonello (ex-Gudja), Mario Mifsud (ex-Qala S.) u Joseph Chetcuti (ex-Qormi FC).

SK Victoria Wanderers għal darb'oħra immexxija mill-coach Brian Azzopardi, kellhom jagħmlu l-ewwel dehra magħhom lil Peter Chizoba Anizoba (ex-St Andrews), Simon Agius (ex-Gzira U), Simon Sultana (ex-Xaghra U), l-attakkant Arġentin Fernando Giarrizzo (ex-Sport Bots Bolivia), filwaqt li reġa' rritorna magħhom Joseph Vella (ex-Xagħra U). Xewkija Tigers FC minn naħa tagħhom, taħt it-tmexxija ġdida tal-coach Raymond Vella, kellhom ukoll jiddebuttaw lil Ferdinando Apap (ex-Mosta), Kenneth Mercieca (ex-SK Victoria W) u Glenn Magri (ex-Naxxar L), filwaqt li Adrian Parnis u Peter Buttigieg (ex-Sannat L) flimkien ma' Jason Portelli (ex-Xagħra U) li reġgħu rritornaw magħhom.

Victoria Hotspurs taħt it-tmexxija ġdida tal-coach Victor Caruana, akkwistaw lil Courtney Mercieca (ex-Kerċem A), Mark Muscat, Dylan Mercieca (ex-Sannat L), David Camilleri (ex-Valletta), Warren Chirchop (ex-Tarxien R) u Michael Bezzina (ex-Xagħra U). Min-naħa l-oħra, Xagħra United taħt il-coach ġdid l-iSpanjol Guillermo Ganet, kellhom jiddebuttaw l-attakkant Sunday Baala (ex-Sannat L),

Chidi Joseph Achokwu (ex-Mqabba), Clifford Obinwanne (ex-Għargħur), filwaqt li reġa' rritorna magħhom wara nuqqas ta' bosta staġuni l-goalkeeper Victor Agius.

It-team promoss ta' Oratory Youths, li baqa' taħt il-coach Ingliż Kevin Metcalf, kellhom jiddebuttaw magħhom lil Oliver Farrugia (ex-SK Victoria Wanderers) u Michael Tabone (ex-Kerċem Ajax), Darko Stojanovic (ex-Zurrieq), Gianluca Vella (ex-Mosta), filwaqt li reġa' rritorna l-Brażiljan Leandro Blanco de Castro. It-team l-ieħor promoss ta' Munxar Falcons għandu lil Giovan Bugeja bħala coach ġdid, filwaqt li akkwistaw lil Akande Williams (ex-Mqabba), Darren Farrugia (ex-Żebbuġ Rangers) u Joseph Mercieca (ex-Victoria H).

Anke fit-Tieni Diviżjoni, it-timijiet għamlu wkoll sforzi biex isaħħu l-formazzjonijiet tagħhom fejn hawn ukoll kull team jista' jagħmel użu minn player barrani. It-team relegat ta' Sannat Lions, taħt it-tmexxija ġdida tal-coach Louis Grech akkwistaw lill-attakkant Albaniż Franci Kosova (ex-Tirana), Christian Azzopardi (ex-Nadur Y), Luke Attard (ex-Kerċem A), filwaqt li reġgħu rritornaw magħhom wara nuqqas ta' diversi staġuni Laurent Pisani (ex-St Lawrence S) u Ferdinando de Andrade (ex-Msida SJ).

Għajnsielem, taħt it-tmexxija tal-player-coach Joe Camilleri, kellhom lil Matthew Portelli li reġa' rritorna magħhom. Qala Saints FC min-naħa tagħhom taħt il-coach Charlie Attard, akkwistaw lil Roberto Sacco (ex-Victoria H), Marjohn Xuereb (ex-Nadur Y), Chris Attard, Francisco Mumford, Michael Mumford, Frank Attard u Josmar Grech (ex-Oratory Y), Alan Cini (ex-St Lawrence S), Marlon Mamo (ex-Kerċem A) u Kyrill Dyakov (ex-Xewkija T).

St Lawrence, immexxija mill-player-coach Michael Vella, ħadu magħhom lill-attakkant Ingliż Jamie Lindsay u lil Daniel Pace (ex-Munxar F). Żebbuġ Rovers FC taħt it-tmexxija ġdida tal-coach Vince Agius, għamlu l-ewwel dehra magħhom Victor Galea (ex-Xewkija T), filwaqt li reġgħu rritornaw magħhom Philip Cardona, Manwel Cordina, Franco Magrin u Antoinne Camilleri. Finalment Għarb Rangers, min-naħa l-oħra, taħt it-tmexxija tal-player coach Shaun Attard, akkwistaw lil Daniel Portelli, Joseph Muscat (ex-Nadur Y), Christopher Pace, Renzo Vella u Edwin Vella (ex-Xewkija T), Josef Muscat (ex-Victoria H), filwaqt li reġa' rritorna magħhom wara nuqqas ta' diversi staġuni Michael Uzur Mathias.



SK Victoria Wanderers



Victoria Hotspurs



Nadur Youngster

minn Willie Vassallo



# Neptunes champions għat-22 darba

**NEPTUNES EMIRATES** rebħu l-Kampjonat tal-waterpolo għat-22 darba fl-istorja tal-club meta fiċ-Championship Decider għelbu lil San Ġiljan Sir Alex bl-iskor ta' 9-7.

Dawn iż-żewġ timijiet spiccaw punti ndaqs fil-klassifika u għaldaqstant kien jinħtieġ din il-logħba deċiżiva biex jintrebaħ il-Kampjonat. Sliema Frank Salt temmew fit-tielet post, segwiti minn Sirens Ritter Sport u Exiles Ferretti.

**Klassifika Finali**

| | L | R | D | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Neptunes E. | 12 | 10 | 0 | 2 | 178 | 99 | 30 |
| San Giljan S.A. | 12 | 10 | 0 | 2 | 167 | 141 | 30 |
| Sliema Frank Salt | 12 | 7 | 0 | 5 | 156 | 127 | 21 |
| Sirens Ritter Sport | 12 | 2 | 0 | 10 | 117 | 181 | 6 |
| Exiles Ferretti | 12 | 1 | 0 | 11 | 116 | 186 | 3 |

**Championship Decider**
**San Giljan Sir Alex................7**
**Neptunes Emirate................9**
(2-3, 1-0, 1-3, 3-3)
San Giljan: 2 M. Avramovic, 2 P. Fava, 1 M. Zammit, 1 P. Biros 1 D. Zammit
Neptunes: 3 S. Camilleri, 2 M. Stellini, 2 T. Molnar, 1 N. Lanzon, 1 C. Mercieca
Referees: M. Dalli, S. Riccitelli

**1 Divizjoni**
Valletta United rebħu l-Kampjonat meta huma nqatgħu waħedhom f'ras il-klassifika. Warajhom spiċċaw Marsaskala Mor€, Otters Nivea, Ta' Xbiex Amigos u finalment Marsaxlokk.

**Klassifika Finali**

| | L | R | D | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Valletta United | 12 | 11 | 0 | 1 | 177 | 99 | 33 |
| M'scala Mor€ | 12 | 7 | 1 | 4 | 142 | 129 | 22 |
| Otters Nivea | 12 | 5 | 3 | 4 | 122 | 138 | 18 |
| Ta Xbiex Amigos | 12 | 3 | 1 | 8 | 147 | 170 | 10 |
| Marsaxlokk | 12 | 1 | 1 | 10 | 119 | 161 | 4 |

**L-aħjar skorers**

**Premier**

| | | |
|---|---|---|
| Steve Camilleri | Neptunes Emirates | 48 |
| Tamas Molnar | Neptunes Emirates | 45 |
| Gergely Kiss | Sliema Frank Salt | 35 |
| Peter Biros | San Giljan Sir Alex | 35 |
| John Soler | Sliema Frank Salt | 30 |
| Dino Zammit | San Giljan Sir Alex | 30 |
| Vojoslav Cupic | Exiles Ferretti | 30 |
| Matthew Zammit | San Giljan Sir Alex | 29 |
| Marko Avramovic | San Giljan Sir Alex | 25 |
| Niki Lanzon | Neptunes Emirates | 25 |
| Arpad Babay | Sirens Ritter Sport | 25 |

**I Diviżjoni**

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Kayes | M'scala Mor€ | 46 |
| Ivan Vuksanovic | Otters Nivea | 42 |
| Milos Korolija | Valletta United | 38 |
| Djorde Filipovic | Valletta United | 32 |
| Yuri Szeles | Ta Xbiex Amigos | 31 |
| Robert Kovacs | Marsaxlokk | 28 |
| Peter Kovacs | Marsaxlokk | 28 |
| Peter Markoch | Ta Xbiex Amigos | 27 |
| Andreas Galea | Ta Xbiex Amigos | 26 |
| Charles Zammit | Valletta United | 21 |

**Kampjonat Nisa**
Tkompla wkoll il-Kampjonat tan-Nisa. Il-logħob intlagħab fl-erba' pitches, fuq bażi ta' żewġ rounds. Neptunes ħarġu rebbieħa meta rebħu l-partiti kollha tagħhom. San Ġiljan spiċċaw fit-tieni pożizzjoni.

**Sliema................................11**
**Neptunes...........................22**
(5-10, 0-4, 2-4, 4-4)
Sliema: 5 S. Abela, 4 F. Paolella, 1 A. Kiss, 1 C. Engerer
Neptunes: 6 G. Rizzo, 5 M. Musumeci, 3 R. Stellini, 3 S. Cassar, 3 K. Navarro, 1 R. Cutajar, 1 S. Camilleri
Referees: R. Spiteri, S. Licari

**Neptunes...........................15**
**Sliema................................5**
(6-2, 1-0, 7-0, 1-3)
Neptunes: 6 A. Galea, 4 S. Lombardi, 1 R. Stellini, 1 N. Cremona, 1 S. Cassar, 1 S. Camilleri, 1 M. Scerri
Sliema: 2 F. Paolella, 2 L. Cachia, 1 S. Abela
Referees: R. Spiteri, P. Giordano

**San Giljan.........................11**
**Sirens................................3**
(3-1, 1-1, 4-0, 3-1)
San Giljan: 4 A. Csullog, 3 J. Galea Calleja, 2 F. Muscat. 2 R. Spiteri
Sirens: 2 M. Busuttil, 1 C. Gatt
Referees: A. De Raffaele, S. Licari

**San Ġiljan...........................6**
**Neptunes...........................15**
(1-5, 2-5, 0-3, 2-2)
San Giljan: 3 R. Spiteri, 1 F. Muscat, 1 A. Csullog,
Neptunes: 6 R. Stellini, 6 M. Musumeci, 1 A. Galea, 1 S. Cassar, 1 G. Rizzo
Referees: A. De Raffaele, S. Licari

**Klassifika Finali**

| | L | R | D | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Neptunes | 6 | 6 | 0 | 0 | 100 | 36 | 18 |
| San Giljan | 6 | 4 | 0 | 2 | 44 | 45 | 12 |
| Sliema | 6 | 1 | 0 | 5 | 50 | 77 | 3 |
| Sirens | 6 | 1 | 0 | 5 | 28 | 64 | 3 |

## Kampjonat Ewropew ta' Taħt is-17-il sena

**Jirbħu Montenegro**
Il-fażi finali tal-Kampjonat Ewropew ta' Taħt is-17-il sena saret f'Malta, fejn ħadu sehem 16-il pajjiż, maqsuma f'erba' gruppi. L-ewwel tnejn ta' kull grupp għaddew għall-kwarti finali filwaqt li l-aħħar tnejn lagħbu għall-pożizzjonijiet tal-klassifikazzjoni.

Montenegro rebħu l-logħblet kollha u fil-final għelbu lis-Serbja bl-iskor ta' 7-5. Malta spiċċat fil-15-il post meta fil-konfront dirett għelbet lil Belarus, 14-12 wara l-ħin barrani.

**Grupp A:**
**Russja................................28**
**Belarus................................2**
(8-0, 7-0, 6-2, 7-0)



Players, staff tekniku, diriġenti u players ta' Valletta United jiċċelebraw ir-rebħ tal-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni li huma ddominaw mill-bidu sal-aħħar. Barra minn hekk, il-Beltin rebħu wkoll it-Treble.

Kroazja ........ 8
Serbja ........ 7
(1-3, 1-2, 1-0, 5-2)

Belarus ........ 4
Kroazja ........ 31
(0-7. 2-9, 1-7, 1-8)

Serbja ........ 11
Russja ........ 12
(2-2, 3-5, 3-2, 3-3)

Belarus ........ 4
Serbja ........ 28
(1-7, 2-9, 1-9, 0-3)

Russja ........ 7
Kroazja ........ 8
(1-2, 1-2, 4-2, 1-2)

Grupp B:
Franza ........ 9
Turkija ........ 10
(3-2, 1-6, 1-0, 4-2)

Spanja ........ 19
Malta ........ 2
(6-0, 4-1, 4-1, 5-0)

Turkija ........ 14
Spanja ........ 11
(4-4, 3-3, 5-2, 2-2)

Malta ........ 4
Franza ........ 14
(0-1, 1-3, 2-6, 1-4)

Franza ........ 1
Spanja ........ 14
(1-2, 0-4, 0-3, 0-5)

Turkija ........ 12
Malta ........ 7
(3-0, 3-2, 4-3, 2-2)

Grupp C:
Grećja ........ 6
Rumanija ........ 5
(2-1, 1-3, 0-1, 3-0)

Montenegro ........ 17
Ukrajna ........ 3
(7-1, 2-0, 4-1, 4-1)

Ukrajna ........ 11
Grećja ........ 17
(3-2, 4-5, 3-6, 1-4)

Rumanija ........ 10
Montenegro ........ 15
(2-5, 3-3, 3-3, 2-4)

Ukrajna ........ 9
Rumanija ........ 9
(2-4, 5-3, 2-1, 0-1)

Montenegro ........ 11
Grećja ........ 8
(2-1, 4-1, 2-3, 3-3)

Grupp D:
Georgia ........ 9
Germanja ........ 11
(4-2, 2-2, 1-4, 2-3)

Italja ........ 10
Ungerija ........ 9
(5-1, 1-1, 1-5, 3-2)

Germanja ........ 8
Italja ........ 9
(3-2, 0-6, 3-1, 2-0)

Ungerija ........ 9
Georgia ........ 5
(4-1. 2-0, 2-1, 1-3)

Germanja ........ 6
Ungerija ........ 10
(2-5, 2-3, 0-1, 2-1)

Georgia ........ 10
Italja ........ 19
(1-4, 3-3, 3-6, 3-6)

**Klassifiki tal-Fażi tal-Gruppi**

| **Grupp A** | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kroazja | 3 | 3 | 0 | 0 | 47 | 18 | 9 |
| Russja | 3 | 2 | 0 | 1 | 47 | 21 | 6 |
| Serbja | 3 | 1 | 0 | 2 | 46 | 24 | 3 |
| Belarus | 3 | 0 | 0 | 3 | 10 | 87 | 0 |

| **Grupp B** | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Turkija | 3 | 3 | 0 | 0 | 36 | 27 | 9 |
| Spanja | 3 | 2 | 0 | 1 | 44 | 17 | 6 |
| Franza | 3 | 1 | 0 | 2 | 24 | 28 | 3 |
| Malta | 3 | 0 | 0 | 3 | 13 | 45 | 0 |

| **Grupp C** | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Montenegro | 3 | 3 | 0 | 0 | 43 | 21 | 9 |
| Grećja | 3 | 2 | 0 | 1 | 31 | 27 | 6 |
| Rumanija | 3 | 0 | 1 | 2 | 24 | 30 | 1 |
| Ukrajna | 3 | 0 | 1 | 2 | 23 | 43 | 1 |

| **Grupp D** | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Italja | 3 | 3 | 0 | 0 | 38 | 27 | 9 |
| Ungerija | 3 | 2 | 0 | 1 | 28 | 21 | 6 |
| Germanja | 3 | 1 | 0 | 2 | 25 | 28 | 3 |
| Georgia | 3 | 0 | 0 | 3 | 24 | 39 | 0 |

Kwarti Finali

Russja ........ 6
Italja ........ 8
(1-2, 0-4, 1-1, 4-1)

Serbja ........ 10
Turkija ........ 3
(1-1, 2-0, 2-1, 5-1)

Spanja ........ 7
Montenegro ........ 9
(2-2, 0-2, 2-4, 3-1)

Ungerija ........ 13
Kroazja ........ 12
(2-3, 4-1, 3-3, 1-3) – (1-1)(2-1)

Semi Finali
Italja ........ 5
Montenegro ........ 6
(1-0, 0-3, 3-2, 1-1)

Serbja ........ 12
Ungerija ........ 10
(2-2, 2-2, 4-2, 4-4)

Klassfikazzjoni
15/16-il post
Belarus ........ 12
Malta ........ 14
(3-0, 1-4, 2-6, 5-1) – (0-3)(1-0)

13/14-il post
Ukrajna ........ 8
Georgia ........ 12
(0-4, 3-1, 2-4, 3-3)

11/12-il post
Germanja ........ 11
Franza ........ 8
(2-3, 0-2, 3-0, 6-3)

9/10 post
Rumanija ........ 7
Grećja ........ 9
(1-2, 3-1, 3-4, 0-2)

7/8 post
Spanja ........ 13
Turkija ........ 5
(4-2, 2-1, 2-0, 5-2)

5/6 post
Russja ........ 6
Kroazja ........ 12
(1-4, 2-3, 2-3, 1-2)

3/4 post
Italja ........ 10
Ungerija ........ 9
(1-2, 2-1, 3-2, 4-4)

Finali
Montenegro ........ 7
Serbja ........ 5
(1-2, 2-1, 3-2, 4-4)

 minn Vincent Pisani

### European Tour 3

# Bidu tajjeb minn Cini u Busuttil, Drago eliminat fit-tmien round

**FIT-TIELET EDIZJONI** mill-European Tour organizzat mill-World Snooker ipparteċipaw ħames players Maltin - Tony Drago, Alex Borg u it-tliet żgħażagħ Brian Cini, Aaron Busuttil u Joseph Casha.

Aaron Busuttil kien l-uniku player Malti li kellu jibda mill-ewwel round fejn huwa rebaħ kontra Shokat Ali 4-2. L-ewwel player Malti li nqala' mit-tournament kien Joseph Casha meta fit-tieni round huwa tilef kontra l-player famuż Leo Fernandez 4-0.

Busuttil rebaħ it-tieni logħba tiegħu meta f'dan ir-round huwa għeleb lil John Sutton 4-3. F'dan ir-round Brian Cini, fl-ewwel esperjenza f'tournament bħal dan, għeleb lill-player mill-Islanda Sigurdur Kristjansson 4-2 biex flimkien ma' Busuttil għadda għat-tielet round. Hawnekk rajna t-tieni player Malti jinqala' meta Cini tilef 4-2 kontra l-player Ingliż, Mitchel Travis, filwaqt li Busuttil rebaħ it-tielet logħba tiegħu billi għeleb lil Lewis Frampton 4-2. Aaron Busuttil inqala' fir-raba round wara li tilef kontra David Sing 4-2. B'hekk nistgħu ngħidu li kemm Cini kif ukoll Busuttil kellhom prestazjonijiet tajbin.

Imbagħad, Alex Borg u Tony Drago kien messhom jilagħbu fis-seba round fejn Borg tilef 4-1 kontra Mark Davis filwaqt li Drago rebaħ 4-3 kontra Oliver Lines. Fit-tmien round, jew fl-Aħħar 64, Drago ġie eliminat meta tilef 4-2 (0-102[63], 64[63]-16, 31-67, 56-19, 0-107[107] u 40-70) kontra Mark Allen.

It-tliet żgħażagħ Maltin lagħbu wkoll fl-EBSA Amateur Cup fejn it-tlieta inqalgħu fl-ewwel round. Brian Cini tilef 3-2 kontra Arun Mehta, Busuttil tilef 3-2 ukoll kontra Luke Garland filwaqt li Joseph Casha safa megħlub 3-0 kontra Joe O'Connor.

Fir-raba' edizzjoni mill-European Tour li ntlagħbet fil-Ġermanja, iż-żewġ players Maltin fil-Main Tour, Tony Drago u Alex Borg, inqalgħu fir-round tal-Aħħar 128. Tony Drago tilef il-logħba tiegħu kontra Aditya Mehta 4-0 filwaqt li Alex Borg tilef 4-1 kontra Shaun Murphy.



Brian Cini flimkien ma' Tony Drago

### 6-Reds World Championship - Tajlandja

# Alex Borg ma jgħaddix għall-fażi finali

**ALEX BORG**, l-uniku player Malti li ħa sehem fil-Kampjonat Mondjali tas-6-Reds, ġie eliminat fil-Fażi tal-Gruppi wara li minn grupp ta' sitta huwa rnexxielu jirbaħ l-ewwel logħba iżda wara tilef erbgħa nfila u b'hekk m'għaddiex għall-Fażi Finali, jiġifieri, mal-Aħħar 32.

Fl-ewwel logħba tal-grupp tiegħu, Alex Borg kellu riżultat pożittiv hekk kif għeleb lil Muhammad Majid Ali 5-3 (44-0, 64-0, 14-55, 42-0, 0-45, 42-18, 10-49 u 45-17). Fit-tieni logħba tiegħu kontra Ken Doherty nistgħu ngħidu li kien sfortunat li ma rebaħx meta, wara li kien 4-0 min fuq, huwa tilef il-logħba 4-5 (33-32, 46-11, 66-0, 34-23, 0-42, 25-39,0-66, 8-35 u 0-39). Fit-tielet logħba tiegħu kontra Matthew Stephens, f'ħin minnhom Borg kien 3-2 minn fuq iżda tilef it-tliet frames ta' wara biex tilef il-logħba 3-5 (22-32, 42-0, 13-37, 44-13, 29-7, 20-40, 0-41 u 0-38).

L-aħħar żewġ logħbiet tilifhom kontra Ratchayothin Potharak 1-5 (16-50, 29-39, 44-5, 0-44, 6-37 u 30-33) u kontra Stephen Mcguire 0-5 (14-84, 14-33, 0-52, 0-38 u 0-37).

## European U/17 Snooker Open - Malta

# Se jippartecipaw tmien nazzjonijiet



Il-Kroat Nikita Pavelko

TMIEN nazzjonijiet se jippartecipaw fit-tmien edizzjoni tal-European Under 17 Snooker Open li se jsir f'Malta bejn is-17 u t-23 ta' Novembru u li se jiegi organizzat minn Pro-Am Malta.

Il-pajjiżi partecipanti huma l-Ingilterra, Irlanda, Irlanda ta' Fuq, Svezja, Kroazja, Belġju, Finlandja u Malta. Iċ-champion tas-sena l-oħra, il-player Malti Brian Cini, se jibqa' wieħed mill-favoriti flimkien mal-player Ingliż, Peter Devlin kif ukoll dak Kroat, Nikita Pavelko.

Dan it-tournament issa għandu l-website tiegħu li hija - www.europeanu17snooker.webs.com

Il-players parteċipanti ġew offruti akkommodazzjoni b'xejn fil-lukanda San Antonio Hotel & Spa li se tkun waħda mill-isponsors ewlenin ta' dan it-tournament.

Barra minn hekk, ser jkun hemm prize money ta' €800.

Għal din is-sena, inħatru uffiċjali ġodda fit-tmexxija tal-Pro-Am Malta li huma: Direttur - Vincent Pisani, Assistent Direttur - John Hartley, Website coordinator - Liam Clark u Head Referee - Ambrose Licari.

## Pool - Malta Eight Ball Federation

# Mario Brincat jirbaħ it-Tieni u t-Tielet Ranking Open



Mario Brincat

**MARIO BRINCAT** għamel ċert li jkun wieħed mill-players fit-team nazzjonali Malti li se jilagħab fil-Kampjonat Mondjali, f'Novembru li ġej, wara li rebaħ it-Tieni u t-Tielet Ranking. Min-naħa tagħha, Roberta Cutajar issa rebħet l-ewwel tliet rankings fil-kategorija tan-Nisa filwaqt li Lyden Debono ukoll rebaħ tliet rankings, wieħed fl-Open u tnejn tal-Under 23.

**Ir-riżultati tal-finali kollha tat-Tieni Ranking Tournament huma:**

| | |
|---|---|
| Open: Mario Brincat v Owen Amato | 10-4 |
| Under 23: Nicky Spiteri v Wedley Zammit | 10-9 |
| Under 18: Leon Azzopardi v Shaun Deguara | 8-3 |
| Over 40: Manwel Polidano v Steve Scicluna | 9-4 |
| Over 50: Joe Camilleri v Geatano Camilleri | 8-4 |
| Nisa: Roberta Cutajar v Caroline Grech | 5-3 |

**Ir-riżultati tal-finali kollha tat-Tielet Ranking Tournament huma:**

| | |
|---|---|
| Open: Mario Brincat v Clint Azzopardi | 10-8 |
| Under 23: Lyden Debono v Maverick Zammit | 10-3 |
| Under 18: Owen Amato v Leon Azzopardi | 8-5 |
| Over 40: Conrad Catania v John Vassallo | 9-6 |
| Over 50: Peter Tonna v Joe Camilleri | 6-3 |
| Nisa: Roberta Cutajar v Donna Bugeja | 5-2 |

# Jissokta l-istaġun wara l-waqfa tas-sajf






Label Chouan-Tishin



Phenix de la Roque

**META SSOKTA L-ISTAĠUN** tat-tiġrijiet taż-żwiemel, fis-żewġ programmi li saru, kienu Nicos de Peneme (misjuq minn Kevin Azzopardi) u Label Chouan (misjuq minn David Ellul) li serqu x-xena meta rebħu t-tiġrijiet ta' Klassi Premier rispettivament. Min-naħa tal-ġerrej, Noel Baldacchino, spiċċa bħala l-aqwa ġerrej tas-serata fuq iż-żwiemiel Phenix de la Roque (Klassi Gold), Quozak Prior u Law Suit (Klassi Silver).

## Riżultati tat-tiġrijiet

**Il-Ġimgħa, 13 ta' Settembru, 2013**

**Race 1 – (2140m) – Class Copper Autostart**

1. Don Valentino (Frankie Abdilla) – Ħin: 1'17"9
2. Qualou d'Axel (Charles Mifsud)
3. Hulegardens Filur (Noel Baldacchino)




Nicos de Peneme

**Race 2 – (2140m)**
**– Class Copper Autostart**
1. Law Suit (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'17"0
2. Queops de Retz (Cleavon Fenech)
3. Magnific As (David Ellul)

**Race 3 – (2140m)**
**– Class Copper Autostart**
1. Andri Boko (Tony Demanuele) – Ħin: 1'17"5
2. Ingo Moon (Shaun Portelli)
3. Parce Que (Rodney Gatt)

**Race 4 – (2140m)**
**– Class Silver Autostart**
1. Markus Klipp (Darren Mizzi) – Ħin: 1'15"7
2. Pitchpin des Bois (Keith Grima)
3. Matador Knick (Carmelo Farugia)

**Race 5 – (1250m)**
**– Class A Flat Race**
1. Dasho (Michael Sultana) – Ħin: 1'13"20
2. Good as Gold (Demis Zammit)
3. Henderilk (Oliver Briffa)

**Race 6 – (2140m)**
**– Class Gold Autostart**
1. Midnight Passion (Eric Bezzina) – Ħin: 1'16"3
2. Pan des Couperies (Charles Camilleri)
3. Baron G.L. (Noel Baldacchino)

**Race 7 – (2140m)**
**– Class Bronze Autostart**
1. Donna Giant (Charles Camilleri) – Ħin: 1'18"8
2. Principessa Caf (Pierre Caruana)
3. My Danover (Shaun Portelli)

**Race 8 – (2140m)**
**– Class Gold Autostart**
1. Ygor of Pass (Tony Demanuele) – Ħin: 1'16"6
2. Lover Boy Index (Patrick Spiteri)
3. Jerry Eme (Charles Camilleri)

**Race 9 – (2140m)**
**– Class Silver Autostart**
1. Quiol de Nappes (Julian Farrugia) – Ħin: 1'17"3
2. Insomnia Grif (Andrew Farrugia)
3. Mr. Snowman (David Ellul)

**Race 10 – (2140m)**
**– Class Premier Autostart**
1. Nicos de Peneme (Kevin Azzopardi) – Ħin: 1'15"5
2. Orcas Bac (Charles Camilleri)
3. Label Chouan (David Ellul)

**Race 11 – (2140m)**
**– Class Silver Autostart**
1. Mealington (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'16"1
2. Tough East (Darren Mizzi)
3. Milano Du Gite (Clint Vassallo)

**Il-Ġimgħa, 20 ta' Settembru, 2013**

**Race 1 – (2640m)**
**– Class Copper Autostart**
1. Take Out Blue (Joseph Galea) – Ħin: 1'17"3
2. Buckens Stjarna (Tony Tanti)
3. Mistral de Chene (Redent Magro)

**Race 2 – (2640m)**
**– Class Bronze Autostart**
1. Magnific As (David Ellul) – Ħin: 1'19"0
2. Magnum (Kerstin Galea)
3. Quick Et Rare (Jeffrey Pace)

**Race 3 – (2640m)**
**– Class Bronze Autostart**
1. Milano de Gite (Clint Vassallo) – Ħin: 1'18"2
2. Magiddo (Charles Camilleri)
3. Bella Notte (Nathaniel Barbara)

**Race 4 – (2640m)**
**– Class Silver Autostart**
1. Quozak Prior (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'17"2
2. Quio de Nappes (Julian Farrugia)
3. Insomnia Grif (Andrew Farrugia)

**Race 5 – (2640m)**
**– Class Bronze Autostart**
1. Andri Boko (Tony Demanuele) – Ħin: 1'18"4
2. Paradise Begonia (Mario Fenech)
3. Roger Qui (Marco Refalo)

**Race 6 – (2640m)**
**– Class Gold Autostart**
1. Pan des Couperies (Charles Camilleri) – Ħin: 1'16"5
2. Nacarat Campbell (Rodney Gatt)
3. Niky de Memartin (Jonathan Zammit)

**Race 7 – (2640m)**
**– Class Silver Autostart**
1. Roma M. (Paul Galea) – Ħin: 1'17"2
2. Zandina Boshoeve (David Ellul)
3. Quaroldo (Brian Zammit)

**Race 8 – (2640m)**
**– Class Premier Autostart**
1. Label Chouan (David Ellul) – Ħin: 1'15"4
2. Ofackevo (Julian Farrugia)
3. True Q. (Shaun Portelli)

**Race 9 – (2640m)**
**– Class Silver Autostart**
1. Law Suit (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'18"2
2. Newman (Kevin Sciberras)
3. Big Hit (Charles Camilleri)

**Race 10 – (2640m)**
**– Class Gold Autostart**
1. Phenix de la Roque (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'16"9
2. Blizzard AD (Francis Cassar)
3. Lover Boy Index (Patrick Spiteri)

**Race 11 – (2640m)**
**– Class Silver Autostart**
1. Quipson (Rodney Gatt) – Ħin: 1'17"3
2. Quarborandum (Philip Calleja)
3. Neo de Mira (George Muscat)

## Kampjonat 1957-58

# Floriana jkabbru l-vantaġġ fil-quċċata tal-klassifika

**Id-Disa' Ġurnata**

**22-02-1958:**
**Valletta FC – Ħamrun Sp. FC 2-1**
**H.T 0-0**
**Att: 4,468**
**Skurjaw: T. Cassar (H) 58' u F. Zammit (V) 69' u 88'.**
**Referee: Joe M. Cassar Naudi**

*Valletta FC*: Albert 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Karm Borg, Dr. George Degiorgio, Freddie 'Il-Wanis' Borg, Mario Azzopardi, Frankie Zammit, Silvio Rapinett.

*Ħamrun Sp. FC*: Johnnie Chetcuti, Freddie Falzon, Leli 'It-Tirjule' Borg, George Jones, Louis Bonello, John Cutajar, Pawlu Buttigieg, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Michael Galea, Effie Borg, Twanny 'Il-Ginger' Cassar.

1. Rebħa xejn mistennija minn Valletta meta niżlu għal din il-partita mingħajr il-goalkeeper regolari Pawlu Montebello, Josie Urpani li kien ma jiflaħx u anke mingħajr Jackie Grech li mar għal btala l-Ingilterra mingħajr ma nforma lill-club.

2. Fin-nuqqas ta' Montebello, bejn il-lasti ta' Valletta rritorna l-goalkeeper, Bertu Zarb Cousin, wara aktar minn erba' xhur wieqaf minħabba operazzjoni. L-aħħar dehra tiegħu fl-Ewwel Diviżjoni kienet fil-5 ta' Ottubru, 1957 - fl-ewwel logħba ta' dan il-Kampjonat.

**23-02-1958:**
**Sliema Wdrs. FC – Hibernians FC 4-0**
**H.T 1-0**
**Att: 5,500**
**Skurjaw: R. Buttiġieg (S) 33', S. Nicholl (S) 82', Ġ. Muscat (S) 85' u M.Walsh (S) 89'.**
**Referee: John Ellison**

*Sliema Wdrs. FC:* Victor Scerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Alex Gollcher, Salvinu Schembri, Salvu Bonnici, Alfred Dayney, Maurice Walsh, Robbie Buttiġieg, Ġulinu Muscat, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

*Hibernians FC*: Edwin Gili, Colin Tabone, Fred Barry, Louis Theobald, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Maurice Vella Borg, Joe Ebejer, Godwin Camilleri, Charlie 'Kinnie' Schembri, Leli Sultana, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb.

1. Hibernians kienu mingħajr il-players regolari tagħhom Fredu Church, Ġużi Ciantar u Salvu Anastasi filwaqt li għal Sliema Wanderers irritorna jilgħab Charlie Mattocks wara nuqqas ta' erba' logħbiet.

2. Il-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA kien immulta lill-player ta' Hibernians Charlie Schembri £1 wara li f'din il-logħba kien imbotta player avversarju u rrifjuta li jagħti ismu lir-referee John Ellison meta kien qed jiġi mwissi.

**01-03-1958:**
**St. George's FC – Birkirkara FC 2-0**
**H.T 2-0**
**Att: 1,732**
**Skorja: F. Delia (St. Geo) 17' u 32'.**
**Referee: Joseph Borg**

*St. George's FC*: Micallef, Albert Schreiner, Tabone, Peppi Delceppo, Joe Mizzi, Willie Scerri, Sammut, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Salvu 'Scotch' Scicluna, Freddie Delia.

*Birkirkara FC*: Lolly Rizzo, Frans Cassar, Johnnie Gatt, George Dalli, Salvu Bellizzi, Louis Bugeja, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Stephen Samut Tagliaferro, Toni Caruana, Mifsud, Nenu Chircop.

1. St. George's lagħbu l-aħħar 20 minuta tal-partita b'għaxar players meta Nenu Mizzi kellu jħalli l-ground imweġġa' wara li ħabat mal-goalkeeper Rizzo ta' Birkirkara.

2. Skond il-ġurnal 'Leħen is-Sewwa' ir-referee tal-partita kien Albert Strong.

**05-03-1958:**
**Hibernians FC – Valletta FC 2-1**
**H.T 0-1**
**Att: 1,341**
**Skurjaw: S. Rapinett (V) 10' u L. Sultana (H) 59' u 61'.**
**Referee: F/Leiut. Charles Prince (RAF).**

*Hibernians FC*: Edwin Gili, Colin Tabone, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Maurice Vella Borg, Louis Theobald, Sunny Anastasi, Leli Sultana, Fredu Church, Joe 'Il-Felli' Ciantar, Joe Ebejer, Joe 'Puskas' Muscat.

*Valletta FC*: Albert 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Karm Borg, Joe Cilia, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Joe Attard, Josie Urpani, Silvio Rapinett, Frankie Zammit, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

1. Din il-partita suppost li ntlagħbet, il-Ħadd 2 ta' Marzu 1958, iżda kienet ġiet imħassra minħabba x-xita.

Valletta FC u Hibernians FC laghbu partita aktar filwaqt li Floriana FC u Rabat FC laghbu partita inqas.

*Klassifika*: Floriana FC 14-il pt.; Sliema Wdrs. FC u Ħamrun Sp. FC 13-il pt.; Valletta FC 10 pti.; Hibernians FC 8 pti.; Birkirkara FC 7 pti.; St. George's FC 4 pti. u Rabat FC 3 pti.

*L-Aqwa Skorers*: T. Cauchi (Floriana FC) 9 goals; S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 8 goals; P. Demanuele (Floriana FC) 7 goals; J. Urpani (Valletta FC) 5 goals.

**L-Għaxar Ġurnata**

**08-03-1958:**
**Sliema Wdrs. FC – Ħamrun Sp. FC 3-0**
**H.T 0-0**
**Att: 6,380**
**Skurjaw: C. Mattocks (S) 46', Ġ. Muscat (S) 56' u S. Nicholl (S) 75'.**
**Referee: Charles Heathcote**

*Sliema Wdrs. FC*: Victor Scerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Alex Gollcher, Salvinu Schembri, Salvu Bonnici, Alfred Dayney, Maurice Walsh, Robbie Buttiġieg, Ġulinu Muscat, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

*Ħamrun Sp. FC*: Johnnie Chetcuti, Freddie Falzon, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, Carmelo 'In-Nene' Grech, Louis Bonello, Effie Borg, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, George Jones, Michael Galea, Leli 'It-Tirjule' Borg, Twanny 'Il-Ginger' Cassar.

1. Skond il-ġurnal 'Leħen is-Sewwa' ir-referee tal-partita kien Albert Strong.

**09-03-1958:**
**Floriana FC – Rabat FC 6-0**
**H.T 1-0**
**Att: 4,468**
**Skurjaw: P. Demanuele (F) 43' u 54', T. Cauchi (F) pen. 69', L. Borg (F) 73' u 87' u Ż. Alamango (F) 88'.**
**Referee: George Degiorgio**

*Floriana FC*: Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Lolly Debattista, Pullu Mousu', Frankie Bonello, Charlie 'In-Nossa' Brincat, Freddie Vella James, Żarenu Alamango, Billy Dalli, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*Rabat FC:* Edward 'Teddy' Borg, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Frank Camenzuli, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Johnnie Calleja, Charlie Theuma, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo, Charlie 'Il-Kis' Zahra, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Johnnie



**Nenu Chircop ta' Birkirkara fl-azzjoni kontra Alex Gollcher u Salvu Bonnici ta' Sliema Wanderers**

'Iz-Zikzokk' Azzopardi, Peter 'Il-Glorja' Micallef.

1. Skond il-ġurnal *Leħen is-Sewwa* it-tieni goal ta' Floriana, skurjat fil-54 minuta, wasal minn Tony Cauchi. Il-ġurnali *The Times*, *Il-Berqa* u il-*Football Annual* kollha taw il-goal lil Pullu Demanuele.

2. Għal din il-partita Floriana libsu flokkijiet u qliezet bojod minflok il-flokk tradizzjonali aħdar u abjad bl-istrixxi.

**15-03-1958:**
**Floriana FC – St. George's FC 3-1**
**H.T 2 1**
**Att: 2,756**
**Skurjaw: P. Demanuele (F) 18', Ż. Alamango (F) 22', E. Mizzi (St. Geo) 28' u B. Dalli (F) 47'.**
**Referee: Salvu Pirotta.**

*Floriana FC*: Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Lolly Debattista, Pullu Mousu', Frankie Bonello, Charles 'In-Nossa' Brincat, Freddie Vella James, Żarenu Alamango, Billy Dalli, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu Demanuele.

*St. George's FC*: Ellul, Bertu Schreiner, Tabone, Peppi Delceppo, Joe Mizzi, Willie Xerri, Sammut, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Salvu 'Scotch' Scicluna, Freddie Delia.

1. Wara t-tielet goal ta' Floriana, kuntrarju għal dak li stenna kulħadd, St. George's minflok ċedew kollox tefgħu lil Floriana jiddefendu fejn fl-attakki tagħhom laqtu l-lasta tliet darbiet minn Freddie Delia, Salvu Scicluna u Nenu Mizzi filwaqt li fi tliet okkażjonijiet oħra kienu Lolly Debattista u darbtejn Pullu Mousu li bir-ras minn fuq il-linja fatali evitaw goals ċerti.

**16-03-1958:**
**Birkirkara FC – Rabat FC 2-0**
**H.T 1-0**
**Att: 1,847**
**Skurjaw: F. Bonnici (B) 24' u Ġ. Pisani (B) 66'.**
**Referee: Don Elliot**

*Birkirkara FC*: Lino Mizzi, Frans Cassar, Johnnie Gatt, Norman Bell, George Dalli, Lolly Borg, Toni Caruana, Louis Bugeja, Ġużi 'Il-Gross' Pisani, Nenu Chircop, Frans 'Il-Lula' Bonnici.

*Rabat FC*: Anthony Micallef, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Frank Camenzuli, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Johnnie Calleja, Charlie Theuma, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo, Charlie 'Il-Kis' Zahra, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Johnnie 'Iz-Zikzokk' Azzopardi, Peter 'Il-Glorja' Micallef.

1. Il-goalkeeper Lino Mizzi ddebutta ma' Birkirkara.

*Klassifika*: Floriana FC 18-il pt.; Sliema Wdrs. FC 15-il pt.; Ħamrun Sp. FC 13-il pt.; Valletta FC 10 pti.; Birkirkara FC 9 pti.; Hibernians FC 8 pti.; St. George's FC 4 pti.; Rabat FC 3 pti.

*L-Aqwa Skorers*: P. Demanuele (Floriana FC) u T. Cauchi (Floriana FC) 10 goals; S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 9 goals; B. Dalli u L. Borg (Floriana FC) u J. Urpani (Valletta FC) 5 goals.

## AĦBARIJIET

Fid-19 ta' Marzu 1958, festa pubblika, f'partita li nltagħbet b'riżq il-Manchester United Disaster Fund, Floriana FC għelbu lil Royal Air Force (Malta) 5-1 b'goals minn Lolly Borg 31', Tony Cauchi 33', Robertson (RAF) 47', Tony Cauchi 73', Żarenu Alamango 80' u Lolly Borg 85'. Il-qligħ li sar minn din il-partita laħħaq is-somma ta' £49, disa' xelini u sold.

Fis-26 ta' Marzu, 1958, Sliema Wanderers rebħu t-Tazza Poppy Day Fund meta għelbu lil UK Services 4-1. Il-goals tal-Wanderers waslu minn hat-trick ta' Ray Edwards u goal ta' Robbie Buttigieg. Kif kienet id-drawwa, huma kienu ngħataw ukoll ix-Schembri Shield għall-istess rebħa.

Erbat ijiem wara, fit-30 ta' Marzu 1958, il-Wanderers kienu Għawdex fejn rebħu 5-0 kontra Salesian Youths f'partita li saret b'riżq l-Istitut Don Bosco. Il-goals tal-Wanderers waslu minn Ray Edwards u Robbie Buttigieg li skorjaw żewġ goals kull wieħed u goal ieħor minn Maurice Walsh. Mas-Sależjani bħala guest players lagħbu l-players Maltin Joe Cilia ta' Valletta, Pawlu Said ta' Rabat FC u Joe Cini li fil-preżent kien bla club.

# It-Tiġrija tal-Vitorja (2000-2013)

## Ir-Raba' Parti

**PROPOSTA** oħra li nittama li tiġi kkunsidrata bis-serjetà hi tibdil fis-sistema tar-Regatta Nazzjonali. Is-suġġeriment tiegħi hu li mis-sena d-dieħla, is-seba' clubs parteċipanti jitqassmu 'A' u 'B', billi l-ewwel erba' clubs fil-klassifikazzjoni finali, is-sena d-dieħla (2014) jikkompetu bejniethom għall-Aggregate Shield, waqt li t-tlieta l-oħra jikkompetu bejniethom għal Shield oħra li jien nipproponi li tingħata l-isem differenti. Kull distrett jieħu sehem b'żewġ opri f'kull tiġrija, għalhekk f'kategorija 'A' jipparteċipaw 8 opri u f'kategorija 'B' 6 opri. Ir-raba' club fil-klassifikazzjoni ġenerali ta' 'A' is-sena ta' wara (2015) jikkompeti fil-'B' u sintendi r-rebbieħ tal-'B' jiġi promoss mal-kbar. Nissuġġerixxi li l-punti li jingħataw fid-dgħajjes tal-Midalji, Frejgatini, Dgħajjes ta' bi Tnejn u tal-Kajjikki jkunu l-istess – 20/12/6, waqt li ta' bl-Erbgħa jibqgħu kif inhuma fil-preżent 24/16/8. Kif tintemm ir-Regatta ssir il-Ġostra qrib il-Ponta tal-Isla. Ovvjament b'din is-sistema, inkunu qegħdin nintegraw flimkien iż-żewġ kategoriji preżenti u b'hekk tispiċċa l-kategorija 'Reserve'.

U issa ngħaddi biex nissuġġerixxi proposta oħra li fil-fehma tiegħi tista' sservi ta' inċentiv għall-qaddiefa in ġenerali, kif ukoll tista' tħajjar ħafna żagħżagħ oħra jaqbdu l-karriera tal-qdif. Nissuġġerixxi lill-KMS u lill-Għaqda tar-Regatta biex flimkien jifformaw kumitat, preferibbilment magħżul minn persuni midħla sew tar-Regatta ( ġurnalisti u eks qaddiefa ) fejn dawn, b'sistema ta' punti li jingħataw għaż-żewġ Regatti, ikollhom l-inkarigu li jagħżlu l-aħjar qaddief fil-kanal, l-aħjar qaddief żagħżugħ Taħt il-21 sena, l-aħjar ekwipaġġ, l-aktar distrett dixxiplinat fiż-żewġ Regatti, l-aktar club attrezzat u miżmum tajjeb u s'intendi kategoriji oħra li fil-fehma tagħhom ħaqqhom rikonoxximent. Imbagħad lejn l-aħħar ta' Settembru jew fil-bidu ta' Ottubru, il-Ministeru tal-Isport bil-kooperazzjoni tal-KMS u l-Għaqda tar-Regatta jorganizza riċeviment fil-Kottonera Sports Compless, fejn ilaqqa' flimkien il-kumitati distrettwali, il-qaddiefa u dawk kollha li jkunu taw sehem fir-Regatti. Wara li f'din il-laqgħa soċjali jitqassmu t-tazzi u l-midalji lill-ekwipaġġi rebbieħa, il-ġurija tħabbar ir-rebbieħ ta' kull kategorija u jingħataw ċertifikat tal-okkażjoni. Finalment, is-Segretarju Parlamentari jippreżenta mill-ġdid l-Aggregate Shield lid-distrett rebbieħ.

Suġġeriment ieħor huwa dwar it-tiġrijiet taż-Żgħażagħ bejn it-18 u l-21 sena li għandhom jerġgħu jibdew isiru b'mod regolari fil-bajja tal-Irnella fuq korsa ta' madwar 500 metru. Kien hemm żmien meta kienu jsiru erba' tiġrijiet, iżda fil-preżent qed issir tiġrija waħda fix-xahar ta' Lulju. Barra dawn it-tiġrijiet, matul ix-xhur tas-sajf jistgħu jsiru tiġrijiet oħra fil-Port il-Kbir, kemm dawk tal-kenuri u giggijiet, kif ukoll tal-Frejgatini bil-Qlugħ li fis-snin 50 kienu popolari ħafna fiż-żewġ portijiet. Suġġerimenti oħra għat-titjib fiż-żewġ Regatti tad-dgħajjes ivarjaw minn reġistrazzjoni tal-qaddiefa mal-clubs, irrispettivament jekk ikunux mil-lokal jew le, regolamenti oħra ta' dixxiplina biex b'hekk il-qaddiefa tagħna minn issa jibdew jorjentaw ruħhom mar-regoli internazzjonali f'każ li fi żmien qasir Malta tibda tipparteċipa f'tiġrijiet mondjali tal-qdif bħalma huma 'Olympics' u 'World Rowing', l-introduzzjoni mill-ġdid tal-Ġostra u l-Banda waqt ir-Regatta, eskursjonijiet għat-turisti għar-Regatta Nazzjonali u finalment, pubbliċità intensa fuq il-mezzi kollha tax-xandir dwar ir-Regatta Nazzjonali.

Infakkarkom li dawn huma biss proposti li fil-fehma tiegħi jistgħu jagħtu l-ħajja lir-Regatta Nazzjonali. Ma nippretendix li kulħadd se jaqbel miegħi, iżda nagħmlu tajjeb li niddiskutuhom b'mod matur u naraw x'nistgħu ntejbu fuqhom biex fir-Regatta Nazzjonali jkun hemm aktar bilanċ fost id-distretti parteċipanti, it-tiġrijiet ikunu aktar akkaniti u finalment in-nies terġa' tibda tattendi. Matul dawn l-aħħar ġimagħtejn iltqajt ma' xi membri tal-kumitati distrettwali u ndividwalment iddiskutejt magħhom xi ideat imfasslin fuq xi proposti li jistgħu jwasslu għal riformi żgħar fl-istrutura preżenti tat-tiġrija. Emmnuni, skantajt bl-ideat maturi u li jagħmlu sens li ħarġu bihom xi wħud minnhom l-aktar fejn jidħol titjib u l-organizzazzjoni tar-Regatta. Fil-fatt jien ħeġġiġthom biex dawn il-proposti jiddiskutuhom ma' sħabhom u wara jressquhom lill-Għaqda tar-Regatta. Kif jiġri dejjem, oħrajn baqgħu passivi u ma ridux jikkummentaw! Regatta mingħajr spettaturi titlef l-ispirtu tagħha – jien nipparagunaha ma' logħba football fil-magħluq, logħba bejn żewġ timijiet kbar li minkejja l-kobor u s-sbuħija tagħha ma tkun tat pjaċir lil ħadd. Dak li ma nixtiqx li jiġri fir-Regatta Nazzjonali! Jien konvint, li għażla tajba bejn dawn iż-żewġ proposti nkunu qegħdin ngħollu mill-ġdid il-prestiġju ta' din it-tradizzjoni, nagħmluha aktar kompetittiva u bil-wisq isbaħ u eċċitanti milli hi fil-preżent.

Semmejt il-media u dwarha nixtieq li nagħmel kumment ċkejken li fil-fehma tiegħi tista' tgħin ħafna lir-Regatta Nazzjonali. Qed nissuġġerixxi, li matul l-aħħar ġimgħa qabel iż-żewġ Regatti, fuq l-istazzjonijiet tar-radju u t-televiżjoni Nazzjonali, jibdew jittellgħu features ta'

# Kjarifika

**FIL-ĦARĠA** ta' Awwissu, ġiet imsemmija laqgħa li saret nhar l-14 ta' Marzu, 2011, miegħi Anthony Caruana u Sammy Busuttil rispettivament, bħala segretarju u president tal-Għaqda Regatta Nazzjonali u qdif ieħor flimkien mas-Sur Joe Serracino. Intqal ukoll li f'din il-laqgħa ma ħareġ xejn konkret.

Nista' nassigura lis-Sur Joe Serracino li kull laqgħa u kull proposta tiġi eżaminata u kkunsidrata bis-serjetà, tant hu hekk illi l-proposti ta' dik il-laqgħa ġew imressqa quddiem il-kumitat tal-Għaqda.

Dan ifisser id-dover min-naħa tiegħi u tal-ex president sar u hawn nixtieq infakkar li president u segretarju tal-Għaqda mhumiex eżekuttivi. Għalhekk għall-korrettezza tal-fatti la jien u lanqas il-president f'ebda laqgħa ma nistgħu nieħdu deċiżjonijiet f'isem l-Għaqda.

Biss infakkar li seta' kien hemm ċirkostanzi li tali proposti f'dak il-perjodu partikolari għalkemm jistgħu jkunu ta' benefiċċju għat-titjib fir-Regatta ma jkunux jistgħu jiġu attwati minħabba fatti li ma jkunx hemm kontroll fuqhom u allura f'dak il-mument l-aħjar ħaġa tkun li wieħed jipprova jissalvagwardja dak li hemm.

Din il-kjarifika qed issir biex ma jkun hemm ebda lok ta' interpretazzjoni skorretta għajr ħlief li hawn miktub.

*- Anthony Caruana*
*(segretarju tal-Għaqda Regatta Nazzjonali)*



**Uffiċjali u qaddiefa ta' Birżebbuġa jiċċelebraw ir-rebħ tax-Shield Kategorija B, fl-2008**

15-il minuta kuljum dwar l-istorja u l-preparamenti li jsiru mill-clubs parteċipanti għal dawn iż-żewġ avvenimenti annwali. Fuq kollox, ir-Regatta hi wkoll dixxiplina sportiva bħal kull sport ieħor lokali u barrani li ta' kuljum, matul is-sena kollha nsegwuhom b'attenzjoni kbira fuq il-mezzi tax-Xandir. Jiddispjaċini ngħid li f'dawn l-aħħar snin ir-Regatta tad-dgħajjes – l-ixjeħ dixxiplina sportiva fl-istorja tal-Isport Malti litteralment ftit li xejn kienet tissemma' fi programmi sportivi, għajr biss, f'kummenti ta' madwar ħames minuti, ħafna drabi mżewqin f'xi filmati tat-tiġrijiet f'lejlet il-Vitorja jew Jum il-Ħelsien. Din is-sena jidher li mxejna pass 'il quddiem, osservajna li żdiedet il-pubbliċità dwarha u dan hu pass pożittiv fid-direzzjoni t-tajba. Ovvjament id-dilettanti ta' dawn it-tiġrijiet jistennew aktar mill-media! Jistennew li fl-aħbarijiet lokali jinkludu fihom filmati ta' taħriġ tal-qaddiefa fil-kanal u *spots* b'tagħrif storiku dwar din id-drawwa antika.

Għandhom raġun! Jien kemm-il darba ġejt mitlub mill-media lokali biex nagħti intervisti dwar ir-Regatta, u jiddispjaċini ngħid li fil-parti kbira tagħhom rari qabżu ħames minuti fuq ir-Radju u l-minuta fuq it-televiżjoni. Riċenti, fl-aħħar ta' Awwissu u fil-bidu ta' Settembru kelli żewġ intervisti għat-televiżjoni ta' 20 sekonda 'l waħda. Ironikament iż-żewġ ġurnalisti staqsewni l-istess mistoqsija – Meta bdiet ir-Regatta? Mistoqsija waħda u t-tweġiba tiegħi ma setgħetx taqbeż l-għoxrin sekonda! X'tagħrif storiku wieħed jista' jgħaddi lit-telespettaturi f'għoxrin sekonda? Imma possibbli, fl-2013 għad hawn min għadu jaħseb li se jibqa' jgħaddi ż-żmien bin-nies? Jekk id-diriġenti tar-radji u stazzjonijiet televiżivi lokali jridu jagħtu pubbliċità serja lil din it-tradizzjoni, u jafu li l-ħin tal-aħbarijiet hu ristrett ħafna, kulma għandhom jagħmlu hu li fil-programmi sportivi tagħhom jesiġu, li jittellgħu features qosra ta' ftit minuti dwar ir-Regatta, u li dawn ikunu ffokkati fuq tagħrif storiku u l-preparamenti u t-taħriġ tal-qaddiefa kif ukoll intervisti mad-diriġenti ta' kull club parteċipanti. B'hekk ikunu qegħdin jagħtu stampa reali u attwali tar-Regatta fiż-żmienna. Ħafna huma tal-fehma, li kull min jipproduċi dawn il-programmi sportivi (irrispettivament l-istazzjon) jekk veru jixtieq li din it-tradizzjoni tibqa' ħajja fost il-poplu tagħna, huwa obbligat li jippromwovi dan l-avveniment tradizzjonali daqs kull sport ieħor lokali. Nittama li dan il-kumment ma jaqax fuq widnejn torox!

Referenza ċkejkna dwar il-punti li jingħataw lil kull kategorija u li permezz tagħhom tintrebaħ l-Aggregate Shield fiż-żewġ Regatti li jsiru fil-Port il-Kbir. Dan l-aħħar, dilettant Bormliż staqsieni fuq liema kriterja ġew stabbiliti dawn il-punti, u x'inhi r-raġuni li t-tiġrijiet tal-Frejgatini u tal-Kajjikki ma jingħatawx punti daqs il-kategoriji l-oħra, meta dawn huma żewġ tiġrijiet iebsin ħafna, u li kif nafu, it-tnejn jieħdu madwar seba' minuti biex jagħmlu l-korsa. L-ewwelnett tajjeb li wieħed ifakkar li x-Shield ġiet introdotta fir-Regatta fl-1955, u l-organizzaturi ta' dak iż-żmien kienu stabilixxew il-punteġġ skond il-popolarità ta' kull tiġrija fiż-żmienhom. Peress li t-tiġrija tad-dgħajjes ta' bl-Erbgħa minn dejjem kienet meqjusa bħala l-aktar tiġrija akkanita ta' kull edizzjoni huma tawha l-akbar għadd ta' punti (24/16/8) waqt lid-dgħajjes tal-Midalji u ta' bi Tnejn li fil-fehma tagħhom kienu jgawdu l-istess popolarità fost id-dilettanti ta' dawn it-tiġrijiet tawhom l-istess għadd ta' punti (20/12/6). It-tiġrijiet tal-Frejgatini u tal-Kajjikki li ġew introdotti fir-Regatta Nazzjonali fis-snin 30, mid-dehra ma kinux popolari daqs it-tiġrijiet l-oħra u għalhekk tawhom inqas punti (12/8/4). Fil-preżent nifhmu aktar l-importanza ta' kull tiġrija għar-rebħ tax-Shield u għalhekk ħafna jistennew li l-punteġġ ikun l-istess għall-opri kollha. Hemm min issuġġerixxa li l-punteġġ għal kull kategorija jkun 3/2/1 - faċli ħafna, 3 punti għar-rebbieħ, 2 punti għat-tieni post u punt għat-tielet post, irrispettivament il-kategorija.

Inkomplu! Jekk wieħed jagħti ħarsa lura lejn l-andament tat-tiġrijiet tad-dgħajjes mill-bidu ta' dan is-seklu (2000) sa Awwissu ta' din is-sena (2013) wieħed ma jsibx ħafna xi jżid ma' dak li diġà aċċennajt għalih għas-snin ta' qabel. Kollox baqa' l-istess għajr biss, li l-Organizzazzjoni tar-Regatta li kienet taħt il-kappa tal-Ministeru tal-Kultura għaddiet f'idejn il-KMS. Ħafna mill-problemi, l-aktar dawk ta' nuqqas ta' qaddiefa u finanzjarji baqgħu jgħakksu lil xi wħud mid-distretti tant, li minħabba fihom mhux biss qatt ma rnexxielhom jieħdu r-ruħ iżda aktar ma beda għaddej iż-żmien aktar il-*gap* kompla kiber bejniethom. Fil-fatt, nafu li fil-preżent, xi distretti jippreferu li jarmaw tajjeb għall-Kategorija 'B' u ma jipparteċipawx fit-tiġrijiet kollha f'Kategorija 'A', minkejja li l-Assoċjazzjoni tar-Regatta wissiethom kemm-il darba u saħqet magħhom li huma kostretti li jipparteċipaw bl-aħjar ekwipaġġi f'Kategorija 'Open'. Minkejja dawn it-twissijiet, xi membri tal-kumitati konċernati jsostnu li fiċ-ċirkostanzi attwali, ikun aħjar għalihom li jikkompetu għar-rebħ tax-Shield Kategorija 'B' milli jipparteċipaw bl-aħjar timijiet f'Kategorija 'Open' u ma jirbħux palju. Problema oħra!

Fortunatment f'dawn l-aħħar tliet snin osservajt titjib sostanzjali fid-distretti tal-Kalkara u tal-Birgu, u nasal biex ngħid li din is-sena huma armati ħafna aħjar mis-sena l-oħra. Sfortunatament Marsamxett/Valletta għadhom jesperimentaw waqt li Birżebbuġa minkejja għandhom xi qaddiefa ġodda l-problemi għadhom jiġru warajhom. Iżda minkejja dan it-titjib kollu f'dawn id-distretti meqjusin bħala żgħar, it-tliet distretti kbar komplew jiddominaw kull edizzjoni.

**Ikompli f'ħarġa oħra**

ISLA | MARSA | MARSAMXETT | BORMLA | BIRGU | KALKARA | BIRŻEBBUĠA

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops




# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' Chelsea

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Ottubru, 2013

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Chelsea ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 77

Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 77 huwa:
**Roderick Brincat - Senglea**






# SPORTIV Tisliba

### Soluzzjoni - Ħarġa nru 77

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | W | | O | | E | | A | | D | O | M | U | S |
| B | O | R | G | O | N | O | V | O | | | U | | U |
| | L | | B | | R | | R | W | E | | R | | M |
| | F | I | O | R | I | T | A | | M | A | R | C | O |
| C | F | | N | | Q | | M | E | I | R | A | | |
| E | | A | N | G | U | S | | N | L | | Y | A | O |
| C | | | A | | E | | L | | | P | | I | |
| C | B | F | | R | | R | I | C | H | A | R | D | |
| A | | A | | E | | | S | | I | | E | | S |
| R | E | L | E | G | A | T | I | O | N | | S | | A |
| E | | C | | I | | | C | | | S | T | A | N |
| L | I | O | N | S | | S | K | E | E | T | | R | |
| L | | N | | | R | A | I | | | A | | N | |
| I | N | S | U | A | | L | | D | A | R | R | E | N |

## irbaħ €150 voucher ma'

TeamSport

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Ottubru, 2013:

**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

**Isem u kunjom**

**Indirizz**

**E-mail**

**Rebbieħ Ħarġa nru 77: Amanda Camilleri - Zabbar**

### Mimdudin

1) Camilleri għandha r-rekord Malti fit-3000m Steeplechase (8)
5) Zammit, jockey magħruf fit-track tal-Marsa (5)
8) Dejan, coach tat-tim nazzjonali Malti tal-Volleyball tan-Nisa (7)
9) Luca, plejer professjonali Belġjan tas-Snooker (6)
10) Borg, il-mibki eks President tal-Kumitat Olimpiku Malti (4)
11) Iddefenda l-lasti Brażiljani 80 darba bejn l-1969 l-1986 (4)
13) u 23) Ferrara, eks difensur ċentrali ta' Juventus (4)
14) Micallef, għawwiema Maltija fit-200m breastsroke (3)
16) "Loulou ....", żiemel Franċiż ta' 14-il sena (4)
18) "Gym.....", klabb Malti tal-ġinnastika imwaqqaf fl-2003 (5)
19) Georgi lagħab fir-rebħa tal-Bulgarija kontra Malta f'Marzu '13 (5)
21) "... Larnaca FC", l-eks klabb ta' Luke Dimech (1,1,1)
23) Ara 13 Mimdudin
24) "...... Yamato", klabb Malti tal-Arti Marzjali (6)
26) Il-Gżejjer ....., membri tal-UEFA mill-1990 (5)
28) Cristiano Ronaldo (1,1)
29) Daniel, eks midfilder internazzjonali Arġentin (5)
32) Peter, beda l-karriera tiegħu u spiċċaha ma' Chelsea FC (6)
33) Sergio, kowċ Kroat ta' San Ġiljan ASC (5)
34) Gambina, kayaker veteran Malti (6)
35) Danilo ..... Santos, eks attakkant Brażiljan ta' Tarxien R. FC (5)
37) "Orlando ...", żiemel Franċiż ta' 11-il sena (3)
38) Giles, plejer Belġjan ta' Sirens Waterpolo Club (6)

### Weqfin

1) "Tal-.......", l-ewwel tiġrija fir-Regatta Nazzjonali ta' Malta (7)
2) Alesssandro lagħab 78 partita fil-qalba tad-difiża tal-Italja (5)
3) Remy, winger Franċiż ta' Newcastle United FC (4)
4) "....... Trot", debba Svediża ta' 10 snin (7)
5) Galea, 10 darbiet champion tal-Malta Triathlon (6)
6) Matias, midfilder Arġentin ta' Sliema Wanderers FC (8)
7) Mark "The Jester from Leicester" tas-Snooker (5)
9) u 36) Hindle Deguara, plejer Malt tal-iSquash (4)
12) Jose Mourinho, "The Special ..." (3)
13) u 20) Charles, atleta long-distance Malti (5)
15) u 30) St. Joseph jew Red Stars, it-tnejn tal-Futbol (5)
17) Tom Henning, eks referi Olandiż tal-Futbol (6)
18) "..... Hanna", debba Svediża ta' 10 snin (5)
20) Ara 13 Weqfin
22) Ross, l-ewwel plejer tal-Baskitbol naturalizzat Malti (3)
25) Wim, attakkant Olandiż li lagħab kontra Malta fl-1991 (5)
26) Chris, rebbieħ tat-Tour de France 2013 (6)
27) Cini, iddefenda l-lasti Maltin f'26 partita (6)
28) Ray, il-mibki riċenti gowlkiper ta' Sliema Wanderers u Malta (5)
30) Ara 15 Weqfin
31) Galea għandu l-klabb tiegħu tal-Boxing f'Bormla (5)
33) Haan, eks midfilder tat-'Total Football' Olandiż (4)
36) Ara 9 Weqfin




PUT YOUR
NAME
IN THE
GAME

TeamSporT




# Offerti speċjali fuq BOV Boat & Yacht Finance

Bank of Valletta joffrilek soluzzjoniet flessibli u f'qasir żmien għall-iffinanzjar ta' dgħajsa jew jott.
Applika sat-30 ta' Novembru 2013 sabiex tibbenefika minn:

- roħs ta' 0.5% fuq Ir-rata ta' Interess
- skont ta' 50% fuq l-ispejjeż ta' pproċessar.

*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV PERSONAL LOANS**

**2131 2020 | bov.com**

Is self huwa suġġett għal kriterji normali ta' self u għall-approvazzjoni finali mill-fergħa tiegħek tal-BOV. Termini u kundizzjonijiet japplikaw. It-terminu ta' self ma jistax ikun aktar mill-età tal-irtirar. Fuq self ta' €60,000 b'rata ta' imgħax ta' 4.95% pagabli fuq 120 xahar u rata mensili ta' €636.94, is-somma totali pagabli lil Bank tkun ta' €76,392.80 li tikkonsisti f'€60,000 kapital, €16,192.80 interessi u €200 spejjeż. L-APR hi 5.21%.

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c. 58, Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta

BOV
Bank of Valletta